

MT

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

L-attivitajiet li wettaqna fl-2023



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Mistogsijiet: <https://eca.europa.eu/mt/contact>
Sit web: <https://eca.europa.eu>
Twitter: @EUauditors

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<https://europa.eu>)

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

L-attivitajiet li wettaqna fl-2023

Werrej

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri	5
Daħla tal-President	6
L-2023 mad-daqqa t'għajn	8
L-attivitajiet li wettaqna	9
L-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025	9
Awditjar tal-prestazzjoni u r-regolarità tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE	10
Programm ta' ħidma	11
Xogħol tal-awditjar fuq il-post	13
Ir-rapporti tagħna	14
Ġurnal tal-QEA	31
Konferenzi u seminars	32
Relazzjonijiet istituzzjonali	33
Kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet supremi tal-awditjar oħra	36
Il-maniġment tagħna	39
Membri	39
Awli tal-awditjar u kumitati	41
Kejl tal-prestazzjoni	42
Il-persunal tagħna	50
Allokazzjoni tal-persunal	50
Reklutaġġ	50
Profil tal-etajiet	51
Opportunitajiet indaqs	52
Etika	55

Appoġġ għall-awditjar	56
Trasformazzjoni diġitali tal-awditjar	56
Komunikazzjoni viżiva	58
Metodoloġija tal-awditjar	59
Taħriġ professjonali	59
Traduzzjoni	60
Ċibersigurtà	61
Binjiet	62
Ġestjoni ambjentali	63
Anness – Ir-rappurtar tagħna dwar is-sostenibbiltà għall-2023	

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Min aħna

- o l-awditur estern tal-Unjoni Ewropea (UE);
- o stabbilita bit-Trattat ta' Brussell tal-1975, bdiet topera f'Ottubru 1977;
- o Istituzzjoni Ewropea sa mill-1993 taħt it-Trattat ta' Maastricht;
- o korp kolleġġjali ta' 27 Membru, 1 minn kull Stat Membru tal-UE, maħtur mill-Kunsill b'segwitu għal konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew;
- o madwar 950 membru tal-persunal, min-nazzjonalitajiet kollha tal-UE.

X'nagħmlu

- o niżguraw li l-kontijiet tal-UE jinżammu b'mod xieraq, u li din tapplika r-regoli finanzjarji tagħha b'mod korrett, u li l-politiki u l-programmi tal-UE jilħqu l-objettivi intenzjonati tagħhom u jipprovdu valur għall-flus;
- o nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u nipromwovu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza;
- o inwissu dwar il-possibbiltà ta' riskji, nipprovdu aċċertament, nindikaw fejn ikun hemm nuqqasijiet u suċċessi, u noffru gwida lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi tal-UE;
- o nippreżentaw l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali, kif ukoll lill-pubbliku ġenerali.

Daħla tal-President



Għażiż qarrej,

Hekk kif nilħqu l-punt nofsani tal-baġit fit-tul tal-UE għall-perjodu 2021-2027, huwa evidenti li l-isfidi li ġew iffaċċjati minn meta ġie adottat kienu kemm mingħajr preċedent kif ukoll mhux mistennija, u dan poġġa pressjoni sinifikanti fuq il-kapaċità tiegħu. Filwaqt li l-baġit tal-UE jibda jadatta l-fokus tiegħu sabiex jindirizza l-kwistjonijiet l-aktar urġenti bħall-appoġġ għall-Ukrajna, il-migrazzjoni u r-rati tal-imgħax relatati mal-finanzjament tan-NextGenerationEU li telgħin f'daqqa, huwa jrid ikompli jwettaq il-prijoritajiet li għandu bħal: ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-investimenti fit-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni diġitali.

F'dan l-ambjent, bħall-istituzzjonijiet kollha tal-UE, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) jeħtiġilha tkun reattiva u kapaċi tagħti rispons sabiex naqdu r-rwol tagħna bħala l-awdituri esterni indipendenti tal-UE. Matul l-2023, b'mod konsistenti pprovdejna valutazzjonijiet imparzjali tal-politiki u l-programmi tal-UE, filwaqt li evalwejna l-ġestjoni finanzjarja tal-fondi tal-UE madwar l-Unjoni u lil hinn minnha, u vvalutajna l-valur għall-flus li diversi politiki u inizjattivi pprovdew.

Dan ir-rapport joffri ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-attivitajiet u l-pubblikazzjonijiet tagħna fl-2023, u jipprovdi informazzjoni dwar il-maniġment tagħna, il-persunal tagħna u l-funzjonijiet ta' appoġġ għall-awditjar tagħna.

Ir-rapporti annwali kollha tagħna li jagħtu dettalji dwar ir-riżultati tax-xogħol tal-awditjar finanzjarju u tal-konformità li wettaqna fuq il-baġit tal-UE, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp ġew ippubblikati sad-dati ta' skadenza uffiċjali. Ir-rapporti speċjali ppubblikati tagħna li jiffukaw fuq oqsma speċifiċi ta' nfiq u ta' politika koprew firxa ta' suġġetti li jinkludu: il-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji, il-miri klimatiċi, l-ugwaljanza għall-persuni b'diżabilità u l-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Barra minn hekk, ħriġna erba' opinjonijiet li fihom eżaminajna l-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni. Dawn indirizzaw kwistjonijiet kruċjali bħalma hija l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna u oħra dwar arranġamenti biex ir-riżorsi finanzjarji proprji l-ġodda tal-Unjoni Ewropea jsiru disponibbli.

Dawn l-azzjonijiet juru d-dedikazzjoni kontinwa tagħna għall-prijoritizzazzjoni ta' kwistjonijiet li jolqtu l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE b'mod dirett.


Meta nħarsu 'l quddiem lejn l-2024, x'aktarx li l-baġit tal-UE se jkompli jevolvi u jikber biex jilqa' l-isfidi li ħerġin. Bl-elezzjonijiet li ġejjin, nistennew bidliet fil-Parlament Ewropew u fil-Kummissjoni, filwaqt li nilqgħu l-perspettivi u l-opportunitajiet ġodda li se jġibu magħhom. Fost dawn il-bidliet, il-QEA tibqa' soda fl-impenn tagħha favur l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza. Se nkomplu nipprovdu rapporti indipendenti u oġġettivi dwar kwistjonijiet ewlenin għall-ġejjieni tal-UE liċ-ċittadini tal-UE, lill-partijiet ikkonċernati istituzzjonali, u lis-sħab kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri.

Sadanittant, nistiednek taqra l-ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-attivitajiet u l-kisbiet tagħna f'din l-aħħar sena, u tibqa' infurmat dwar l-attivitajiet li għad iridu jsiru.



Tony Murphy
Il-President

L-2023 mad-daqqa t'għajn



L-attivitajiet li wettaqna

L-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025

Nużaw **strateġiji pluriennali** biex niggwidaw ix-xogħol tal-awditjar li nwettqu, nipromwovu bidla organizzattiva għal titjib kontinwu u nibqgħu fuq quddiem nett tal-iżvilupp fl-awditjar tas-settur pubbliku.



2023: implimentazzjoni tal-istrateġija
– *progress tajjeb*

Fi tmiem l-2023, lestejna t-tielet sena tal-**istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025**. L-**għanijiet strateġiċi** tagħna għal dan il-perjodu ta' 5 snin huma li: isir titjib f'dak li jirrigwarda l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-arranġamenti tal-awditjar f'kull tip ta' azzjoni li tittieħed mill-UE; l-awditi li nwettqu jiġu mmirati lejn l-oqsma u s-suġġetti fejn nistgħu nipprovdu l-aktar valur miżjud; l-għoti ta' aċċertament qawwi tal-awditjar, f'ambjent diffiċli u li qed jinbidel.

Biex inqiegħdu l-istrateġija tagħna fil-prattika, qbilna dwar **miżuri ta' implimentazzjoni** għal kull għan u objettiv, assenjajna responsabbiltajiet, u stabbilejna dati ta' skadenza. Din is-sena komplejna nagħmlu **progress tajjeb** f'diversi azzjonijiet, notevolment:

- għażilna kompiti tal-awditjar li jkopru b'mod xieraq l-oqsma strateġiċi;
- wettaqna diversi awditi li ffukaw fuq diversi aspetti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), inkluża t-tieni opinjoni tal-awditjar tagħna dwar in-nefqa fil-qafas tal-RRF f'konformità mal-approċċ strateġiku tagħna għall-inizjattiva "NextGenerationEU" (NGEU);
- ifformulajna pjan ta' azzjoni għall-interazzjoni tagħna mal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali;
- wettaqna rieżami ta' nofs it-terminu dwar il-progress tal-miżuri ta' implimentazzjoni tal-istrateġija.

Awditjar tal-prestazzjoni u r-regolarità tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE



*Awditi tal-prestazzjoni,
awditjoni finanzjarji u awditjoni
tal-konformità*

L-awditjoni li nwettqu jipprovdu liċ-ċittadini tal-UE u lil dawk li jfasslu l-politika tagħha rapporti indipendenti u oġġettivi dwar kwistjonijiet ewlenin għall-ġejjieni tal-UE, billi jenfasizzaw dak li jiffunzjona tajjeb, jiġbdu l-attenzjoni għal dak li ma jiffunzjonax kif suppost, u jirrakkomandaw bidliet.

L-awditjoni tal-prestazzjoni li nwettqu jindirizzaw l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività tal-politiki u l-programmi tal-UE. Huma jiffukaw fuq suġġetti li jirriflettu l-problemi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE, bħal:

- il-kompetittività ekonomika tal-Unjoni;
- ir-reżiljenza fil-konfront ta' theddid għas-sigurtà tal-Unjoni, u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;
- it-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali;
- il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi tal-Unjoni.

Dawn l-awditjoni għandhom l-għan li jgħinu lill-UE biex tilħaq aħjar l-oġġettivi tal-politika tagħha.

L-awditjoni finanzjarji u l-awditjoni tal-konformità li nwettqu jkopru l-baġit tal-UE, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-baġits tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). Aħna niprovdu **Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni** dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali, kif ukoll dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

Jaf inwettqu wkoll awditjoni tal-konformità magħżula, biex neżaminaw l-istat tal-kontabbiltà baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tal-UE, jew biex nivvalutaw jekk is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-ġbir u l-infiq tal-fondi tal-UE humiex konformi mar-regoli applikabbli tal-UE u dawk nazzjonali.

Fl-aħħar nett, aħna l-awditur estern għal għadd kbir ta' aġenziji, korpi deċentralizzati u Impriżi Konġunti tal-UE, kif ukoll tal-Iskejjel Ewropej.

Inwettqu l-awditjoni kollha tagħna f'konformità ma' **standards tal-awditjar għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.**

Programm ta' ħidma



Il-Programm ta' Ħidma 2024+ tagħna

Il-**Programm ta' Ħidma 2024+** tagħna, li ġie ppubblikat f' Diċembru 2023, jgħbed l-attenzjoni għall-prijoritajiet tal-awditjar li għandna għas-snin li ġejjin u jippreżenta fid-dettall it-**73 rapport, kemm rapporti speċjali kif ukoll dawk analitiċi**, li biĥsiebna nippubblikaw mill-2024 'il quddiem, minbarra r-rapporti annwali tagħna ta' kull sena. Huwa allinjat b'mod qawwi mal-oqsma ta' prijorità stabbiliti fl-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025.


Taħt "Il-kompetittività ekonomika tal-Unjoni", nippjanaw li nippubblikaw rapporti li fost l-oħrajn ikopru l-intelliġenza artifiċjali, it-trasformazzjoni diġitali, il-politika industrijali dwar l-idroġenu, u l-industrija tal-mikroċipep.

Taħt "Ir-reżiljenza fil-konfront ta' theddid għas-sigurtà tal-Unjoni, u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt", nippjanaw li nippubblikaw rapporti li jindirizzaw l-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni fl-Afrika u l-mobbiltà militari.

Taħt "It-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali", nippjanaw li nippubblikaw rapporti li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti, fosthom is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-biedja organika.

Taħt "Il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi tal-Unjoni", nippjanaw li nippubblikaw rapporti bħal: kompetizzjoni tat-taxxa dannuża, riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

Fl-oqsma strateġiċi kollha, nippjanaw ukoll li neżaminaw il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u nkopru suġġetti bħalma huma s-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri, u l-pilastri ekoloġiċi u diġitali tal-istrument.



Xogħol tal-awditjar fuq il-post

Il-biċċa l-kbira mix-xogħol tal-awditjar li nwettqu jsir fis-sede tagħna fil-Lussemburgu. L-awdituri tagħna jagħmlu wkoll għadd kbir ta' żjarat lill-**Kummissjoni Ewropea** – l-entità awditjata prinċipali tagħna – u lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE, lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri, lid-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi mhux tal-UE, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet internazzjonali li jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE.

Inżuru wkoll lir-riċevituri tal-fondi tal-UE, fuq il-post, kemm **fi ħdan l-UE** kif ukoll **lil hinn mill-fruntieri tagħha**. Permezz ta' dawn il-verifiki, insewgu r-rendikont tal-entrati u niksbru evidenza diretta għall-awditjar mingħand dawk involuti fil-ġestjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE u fil-ġbir jew fil-ħlas ta' fondi tal-UE, kif ukoll mingħand il-benefiċjarji.




Aktar verifiki fuq il-post

It-**timijiet tal-awditjar** tagħna huma ġeneralment magħmulin minn żewġ awdituri jew tlieta, filwaqt li ż-żjarat tal-awditjar tagħna jvarjaw fit-tul minn ftit jiem sa ftit ġimgħat. Il-verifiki fuq il-post jibqgħu essenzjali għax-xogħol tal-awditjar li nwettqu. Fi ħdan l-UE, ġeneralment jiġu kkoordinati b'kollegament mal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar (SAIs) tal-Istati Membri kkonċernati.

Fl-2023 żidna ż-żjarat tagħna fuq il-post sinifikattivament meta mqabbla mat-tliet snin ta' qabel, meta kienu għadhom fis-seħħ parzjalment ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u dawk tas-saħħa pubblika relatati mal-COVID-19. B'kollox qattajna **3 527 jum fl-Istati Membri u barra mit-territorju tal-UE** meta mqabbla ma' 2 039 jum fl-2022, 857 jum fl-2021, 1 190 jum fl-2020 u 3 605 ijiem fl-2019. L-awdituri tagħna qattgħu wkoll **1 370 jum f'istituzzjonijiet**, aġenziji u **korpi tal-UE**, kif ukoll f'diversi organizzazzjonijiet internazzjonali u ditti privati tal-awditjar. Iċ-ċifri korrispondenti għall-2022, għall-2021, għall-2020 u għall-2019 kienu ta' 945, 299, 627 u 2 504 ijiem, rispettivament.

Minbarra verifiki fuq il-post, bqajna nużaw l-**awditjar mill-bogħod** u bqajna niġbru l-evidenza b'mod elettroniku. Użajna għodod tal-**vidjokonferenzi** u **teknoloġija oħra tal-informazzjoni**, bħall-kondiviżjoni sikura ta' *data* u ta' dokumenti, biex ninteraġixxu mal-entitajiet awditjati tagħna.



Ir-rapporti tagħna

Ir-rapporti tal-awditjar, ir-rapporti analitiċi u l-opinjoni tagħna huma element essenzjali tal-**katina ta' obbligu ta' rendikont tal-UE**. Jgħinu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jimmonitorjaw u jiskrutinizaw l-ilfuq tal-oġġettivi ta' politika tal-UE, u biex jitolbu li jingħata rendikont minn dawk responsabbli għall-ġestjoni tal-finanzjament mogħti mill-UE, b' mod partikolari fil-kuntest tal-proċedura annwali ta' kwittanza.

Rapporti speċjali u rapporti analitiċi

Fl-2023, **ippublikajna 35 rapport speċjali u rapport analitiku** li jindirizzaw ħafna mill-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE **fl-oqsma differenti ta' nfiq u ta' politiki tal-UE**. Dawn kienu jinkludu l-unjoni tal-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-għajnuna għall-iżvilupp, it-trasport intermodali tal-merkanzija, il-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji, l-ugwaljanza għall-persuni b'diżabilità, is-superviżjoni bankarja tal-UE, il-bijokarburanti u l-kunflitt ta' interess fl-infiq fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-agrikoltura tal-UE, biex insemmu biss ftit minnhom. Tlieta mir-rapporti kienu relatati mal-inizjattiva tal-irkupru NextGenerationEU: is-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fil-Kummissjoni u l-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Fir-**rapporti speċjali** tagħna neżaminaw jekk intlaħqux l-oġettivi tal-politiki u l-programmi magħżula tal-UE, jekk ir-riżultati nkisbux b'mod effettiv u effiċjenti, u jekk l-azzjoni tal-UE pprovdietx **valur miżjud** – jiġifieri jekk permezz tagħha nkisbux riżultati aħjar milli setgħu nkisbu kieku l-azzjonijiet twettqu fuq livell nazzjonali biss. F'dawn ir-rapporti nagħmlu wkoll **rakkomandazzjonijiet**, fejn nidentifikaw modi kif jistgħu jiġu ffrankati l-flus, isir xogħol aħjar, tiġi evitata l-ħela jew jintlaħqu l-oġettivi ta' politika mistennija b'mod aktar effettiv.

Ir-**rapporti analitiċi** tagħna għandhom l-għan li jipprovdu deskrizzjonijiet li jispjegaw il-kuntest kif ukoll analiżi, spiss minn perspettiva trażversali u fuq il-bażi ta' xogħol tal-awditjar preċedenti jew ta' informazzjoni oħra li tkun disponibbli għall-pubbliku. Nistgħu nużawhom ukoll biex nippreżentaw l-analiżi tagħna ta' oqsma jew kwistjonijiet li nkunu għadna ma awditjajniex, jew biex nistabbilixxu fatti dwar suġġetti jew problemi speċifiċi. Għall-kuntrarju tal-awditi, dawn ma jindirizzawx mistoqsijiet evalwattivi u lanqas ma jipprovdu aċċertament.

Il-paġni li ġejjin jipprovdu fehim approfondit dwar xogħolna kif ukoll **eżempji ta' rapporti speċjali mill-2023** li jkopru oqsma ta' politika differenti.

Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali

Rapport Speċjali 18/2023: Il-miri tal-UE għall-klima u għall-enerġija – Il-miri għall-2020 inkisbu, iżda ftit hemm indikazzjoni li l-azzjonijiet biex jintlaħqu l-miri għall-2030 se jkunu suffiċjenti



It-tibdil fil-klima huwa sfida globali, waħda li għandha effett sinifikanti fuq il-ħajja taċ-ċittadini tal-UE. Maż-żmien, l-UE stabbiliet miri għall-klima u għall-enerġija dejjem aktar ambizzjużi biex twieġeb għall-isfida. Dawn jinkludu miri għall-2020 u l-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, iż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli, u l-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija. L-Istati Membri kienu meħtieġa jippreżentaw Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima għall-perjodu 2021-2030, li fihom iddeskrivew fil-qosor il-politiki mmirati lejn l-ilħuq ta' dawn il-miri. L-UE impenjat lilha nfisha li tonfoq mill-inqas 20 % tal-baġit tagħha għall-perjodu 2014-2020 fuq l-azzjoni klimatika. Għall-baġit tal-UE għall-perjodu 2021-2027, din iċ-ċifra żdiedet għal 30 %, madwar EUR 87 miljun fis-sena. Dan l-ammont huwa inqas minn 10 % tal-investiment totali meħtieġ biex jintlaħqu l-miri għall-2030, li huwa stmat f'ammont ta' madwar EUR 1 000 000 000 000 fis-sena. Huwa previst li l-bqija tal-investiment se jiġi minn fondi nazzjonali u privati.

Ivvalutajna jekk l-UE komplietx tibni fuq azzjonijiet li kellhom suċċess biex tilħaq il-miri tagħha għall-enerġija u għall-klima għall-2030.

Sibna li l-UE kienet tassew laħqet il-miri tagħha għall-2020. Madankollu, din il-kisba kienet dovuta wkoll għall-kontribut ta' fatturi esterni. Il-Kummissjoni ma vvalutatx il-punt sa fejn dan il-progress kien ir-riżultat tal-politiki aktar milli ta' fatturi esterni, bħall-kriżi finanzjarja fl-2009 u l-kontribut eżatt tal-pandemija tal-COVID-19 fl-2020. Barra minn hekk, għandha biss stampa parzjali tal-azzjonijiet li kienu ta' suċċess għall-ilħuq tal-miri għall-2020. It-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE mar tajjeb meta mqabbel ma' dak ta' pajjiżi industrijalizzati oħra. Madankollu, il-kunsiderazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE għall-2020 ma tinkludix emissjonijiet li jseħħu b'riżultat tal-kummerċ, ikkawżati mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju (li, jekk jiġu inklużi, huwa meqjus li jiżdiedu b'xi 8 %), u mill-avjazzjoni u t-tbaħħir internazzjonali (rispettivament 3.4 % u 3.6 %). Il-Kummissjoni identifikat is-setturi li kienu ta' suċċess, jiġifieri daww koperti mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE, iżda ma għandhiex *data* dwar il-kost li ġie jiswa lill-baġit tal-UE, lill-baġits nazzjonali u lis-settur privat talli ntlaħqu l-miri tal-UE. Minbarra dan, il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima wkoll ma għandhomx *data* dwar il-ħtiġijiet ta' investiment u s-sorsi ta' finanzjament biex jivvalutaw jekk dawn il-pjanijiet humiex bażi soda biex jintlaħqu l-miri għall-2030. B' mod ġenerali, sa issa ftit sibna indikazzjoni li l-miri ambizzjużi tal-UE għall-2030 se jissarrfu f'azzjoni suffiċjenti.

Irrakkomandajna li l-Kummissjoni tipprovdi aktar trasparenza dwar il-prestazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha dwar l-azzjoni klimatika u l-enerġija; tiegħu kont tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kollha kkawżati mill-UE, inklużi l-emissjonijiet inkorporati fil-kummerċ u daww ġejjin mill-avjazzjoni internazzjonali u n-navigazzjoni; tappoġġa l-impenn tal-Istati Membri biex jiksbu l-miri għall-2030.

Investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni

Rapport Speċjali 15/2023: Il-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji – Jinħtieġ impetu strateġiku għid



L-iżvilupp u l-produzzjoni tal-batteriji saru imperattiv strateġiku għall-UE, filwaqt li jippermettu t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Biex tgħin lill-UE ssir mexxejja globali fil-produzzjoni u fl-użu sostenibbli tal-batteriji, fl-2018 il-Kummissjoni ppubblikat pjan ta' azzjoni strateġiku dwar il-batteriji. Huwa jkopri l-istadji differenti tal-katina tal-valur, jidentifika għanijiet strateġiċi u jipproponi firxa ta' għodod biex dawn jintlaħqu.

Ivvalutajna jekk il-Kummissjoni kinitx effettiva fil-promozzjoni ta' politika industrijali Ewropea dwar il-batteriji. Eżaminajna l-oġettivi ta' politika u l-għodod ta' intervent stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni tal-2018 tal-Kummissjoni kif ukoll il-progress fl-implimentazzjoni tiegħu.

Sibna li l-promozzjoni mill-Kummissjoni ta' politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji kienet effettiva, minkejja nuqqasijiet fil-monitoraġġ, fil-koordinazzjoni u fl-immirar, kif ukoll il-fatt li l-aċċess għall-materja prima jibqa' sfida strateġika ewlenija għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE. Il-Kummissjoni fil-biċċa l-kbira wettqet l-azzjonijiet l-aktar sinifikanti fil-pjan ta' azzjoni tagħha, u stabbiliet strumenti ewlenin b'appoġġ għas-settur tal-batteriji. Madankollu, hija qed timmonitorja l-katina tal-valur tal-batteriji fl-UE abbażi ta' *data* limitata u ta' sikwit skaduta, u ma analizzatx il-produzzjoni tal-batteriji tal-UE li hija meħtieġa biex jintlaħaq l-għan doppju tan-newtralità klimatika u li jinżamm settur kompetittiv tal-karozzi fl-UE. Dan iżid ir-riskju li l-għan ta' emissjonijiet żero għall-2035 tal-Kummissjoni ma jintlaħaqx minħabba produzzjoni insuffiċjenti tal-batteriji, jew li dan jintlaħaq fuq il-bażi ta' batteriji jew vetturi elettriċi importati. Huwa jżid ukoll l-inċertezza dwar is-sigurtà tal-provvista tal-materja prima meħtieġa biex issostni l-produzzjoni fl-UE. Għalkemm il-kapaċità tal-produzzjoni taċ-ċelloli tal-batteriji tal-joni tal-litju qed tiżviluppa rapidament fl-EU-27 u tista' tiżdied minn 44 gigawatt-siegħa fl-2020 għal madwar 1 200 sal-2030, l-użu reali ta' tali kapaċità mhux żgurat u jista' jitqiegħed f'riskju minħabba fatturi ġeopolitiċi u ekonomiċi. Minbarra dan, il-Kummissjoni ma għandhi stampa ġenerali tal-appoġġ pubbliku totali mogħti lill-industrija, u dan ifixkel l-abbiltà tagħha li tiżgura koordinazzjoni u mmirar adegwati. Fl-aħħar nett, il-kundizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni jiddependu mill-post fejn jinsabu.

Irrakkomandajna li l-Kummissjoni taġġorna l-pjan ta' azzjoni strateġiku dwar il-batteriji, b'fokus partikolari fuq l-iżgurar tal-aċċess għall-materja prima; issaħħaħ il-monitoraġġ b'*data* regolari, aġġornata u komprensiva; ittejjeb il-koordinazzjoni u l-immirar tal-finanzjament tal-UE għall-katina tal-valur tal-batteriji; u tiżgura li l-parteċipanti kollha fi Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni dwar il-batteriji jkollhom kundizzjonijiet ekwivalenti fl-aċċess għall-appoġġ finanzjarju pubbliku.

Azzjoni esterna, sigurtà u ġustizzja

Rapport Speċjali 21/2023: L-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet – Ambizzjuża iżda sa issa kellha impatt limitat



Il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet hija wieħed mill-aktar ksur sistematiku u mifruq tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2017, l-Unjoni Ewropea nediet l-Inizjattiva Spotlight fi sħubija strateġika globali man-Nazzjonijiet Uniti (NU). L-oġġettiv prinċipali tal-inizjattiva huwa li tiżgura li n-nisa u l-bniet kollha, speċjalment dawk li huma emarġinati u vulnerabbli, jgħixu ħielsa mill-vjolenza u l-prattiki dannużi. L-Inizjattiva Spotlight hija ffinanzjata mill-UE b'kontribuzzjoni ta' EUR 497 miljun, li minnhom EUR 465 miljun huma mmaniġġjati min-NU f'4 kontinenti u f'aktar minn 26 pajjiż.

Ivvalutajna jekk l-Inizjattiva Spotlight kinitx mod effiċjenti u effettiv biex il-Kummissjoni tindirizza l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet.

Sibna li l-Inizjattiva Spotlight kienet tentattiv ambizzjuż biex il-Kummissjoni tindirizza l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, iżda l-impatt tagħha sa issa għadu limitat. Filwaqt li l-inizjattiva kisbet l-outputs u kienet ta' benefiċċju għan-nisa u l-bniet, huwa diffiċli li jiġi vvalutat sa liema punt kisbet ir-riżultati intenzjonati tagħha. Aħna identifikkaw wkoll lok għal effiċjenza akbar u valur aħjar għall-flus. L-għażla tal-Kummissjoni tas-sieħeb ta' implimentazzjoni, in-NU, kienet deċiżjoni politika bl-għan li tappoġġa l-multilateraliżmu. Hi u tagħżel is-sieħeb ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni ma qabblitx bir-reqqa l-istrutturi alternattivi għall-implimentazzjoni u l-kostijiet relatati tagħhom. Sibna wkoll li kien hemm eżempji tajbin ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati prinċipali, iżda l-implimentazzjoni ta' approċċ armonizzat f'pajjiżi b'kuntasti li jvarjaw kienet diffiċli, u l-għadd kbir ta' organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni tan-NU żied il-komplessità fil-governanza. Minbarra dan, l-inizjattiva Spotlight ma għandhiex valutazzjoni adegwata tal-valur għall-flus. Il-Kummissjoni kienet konxja li l-għażla tan-NU kienet timplika kostijiet oġġla, iżda ma ppruvatx tinnegozja kostijiet indiretti aktar baxxi mill-massimu stabbilit fil-ftehim qafas. Barra minn hekk, l-arranġamenti ta' monitoraġġ u rappurtar tal-Inizjattiva Spotlight ma jippermettux li ssir valutazzjoni soda tal-prestazzjoni tal-programmi. Barra dan, filwaqt li l-għan kien li l-attivitajiet isiru sostenibbli, ma nstab l-ebda donatur ġdid, u dan joħloq riskju għas-sostenibbiltà tal-attivitajiet. Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-kondiviżjoni tal-għarfien, sibna li attwalment din tinsab imxerrda 'l hemm u 'l hawn, u mhijiex faċilment aċċessibbli għall-utenti interessati.

Irrakkomandajna li l-Kummissjoni, għal inizjattivi futuri ta' żvilupp globali, twettaq analiżi bir-reqqa tal-opzjonijiet ta' implimentazzjoni u tiddokumenta bis-sħiħ il-ġustifikazzjonijiet għar-reġjuni u l-pajjiżi magħżula u għall-allokazzjonijiet ta' finanzjament tagħhom; tinkorpora t-tagħlimiet meħuda f'azzjonijiet futuri li jibnu fuq l-Inizjattiva Spotlight; fir-rigward ta' azzjonijiet futuri għall-iżvilupp, iżżid il-proporzjon ta' finanzjament li jilħaq lill-benefiċjarji finali u tivvaluta l-kosteffettività; u ssaħħaħ is-sostenibbiltà u l-bini u l-kondiviżjoni tal-għarfien għall-bqija tal-Inizjattiva Spotlight.

Regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva

Rapport Speċjali 26/2023: Il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – Jitkejjel il-progress li sar fl-implimentazzjoni iżda dan mhux suffiċjenti biex il-prestazzjoni tintwera



B'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, ġie stabbilit fond għall-irkupru li jiswa aktar minn EUR 800 biljun (fi prezzijiet attwali) – in-NextGenerationEU (NGEU). Fil-qalba tiegħu hemm il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), stabbilita fi Frar 2021, b'valur totali massimu ta' EUR 723 biljun li jinkludi sa EUR 338 biljun f'għotjiet u sa EUR 385 biljun f'self (fi prezzijiet tal-2022).

Ivvalutajna jekk il-qafas ta' monitoraġġ tal-RRF huwiex xieraq għall-kejl tal-prestazzjoni tagħha maż-żmien. Billi r-regolamenti li jirregolaw l-RRF ma jiddefinix il-kunċett ta' "prestazzjoni", użajna d-definizzjoni li ġeneralment napplikaw fix-xogħol tal-awditjar tagħna – kejl ta' kemm azzjoni, proġett jew programm iffinanzjati mill-UE jkunu laħqu l-obiettivi tagħhom tajjeb u ta' kemm jipprovdu valur għall-flus b' mod tajjeb.

Sibna li l-qafas ta' monitoraġġ tal-RRF ikejjel il-progress fl-implimentazzjoni iżda mhuwiex suffiċjenti biex ikejjel il-prestazzjoni ġenerali tal-RRF. Filwaqt li l-istadji importanti u l-miri jikkontribwixxu għall-kejl tal-progress fl-implimentazzjoni tal-investimenti u tar-riformi, ivarjaw fl-ambizzjoni u fil-biċċa l-kbira jiffukaw fuq l-outputs aktar milli fuq ir-riżultati. Minbarra dan, l-indikaturi komuni huma maħsuba li jimmonitorjaw, u jirrapportaw dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-obiettiv speċifiku u ġenerali tal-RRF. Madankollu, dawn ma jkoprox bis-sħiħ is-sitt pilastri tal-RRF (inkorporati fl-obiettiv ġenerali tal-RRF); lanqas ma jirriflettu għalkollox il-progress li sar lejn l-ilħuq ta' stadji importanti u miri marbuta mal-investimenti u speċjalment ir-riformi. Barra minn hekk, b' mod simili għall-istadji importanti u l-miri, xi wħud biss mill-indikaturi komuni jkejlu r-riżultati, u l-ebda wieħed minnhom ma jirreferi b' mod espliċitu għall-impatt. Inqisu li l-istadji importanti u l-miri tal-RRF u l-indikaturi komuni tagħha huma komplementari iżda ma jkoprox bis-sħiħ l-aspetti kollha tal-prestazzjoni tal-RRF. Sibna wkoll li, b' mod ġenerali, id-*data* li ġiet irrappurtata għall-istadji importanti u l-miri tiġi mmonitorjata u vverifikata mill-qrib iżda għad hemm riskji għall-affidabbiltà tad-*data*, speċjalment fil-livell tar-riċevitur finali. Id-*data* rrappurtata dwar l-indikaturi komuni hija pjuttost limitata u fil-biċċa l-kbira bbażata fuq stimi, u hija suġġetta biss għal verifiki bażiċi ta' plawżibbiltà mill-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, it-tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza ("it-Tabella ta' Valutazzjoni"), jiġifieri l-għodda tal-Kummissjoni għar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-RRF, hija faċli għall-utent iżda hija milquta minn problemi ta' kwalità tad-*data* u hija nieqsa mit-trasparenza f'ċerti aspetti.

Irrakkomandajna li l-Kummissjoni tiżgura qafas komprensiv ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni; ittejjeb il-kwalità tad-*data* dwar l-indikaturi komuni; ittejjeb it-trasparenza u l-kwalità tad-*data* li tiġi rrappurtata fit-Tabella ta' Valutazzjoni; u tiżgura rappurtar aktar informattiv u konsistenti li jkun allinjat mar-rekwiżiti legali kollha.

Finanzjament u amministrazzjoni tal-Unjoni

Rapport Speċjali 05/2023: Ix-xenarju finanzjarju tal-UE – Struttura frammentata li teħtieġ aktar simplifikazzjoni u obbligu ta' rendikont



Ix-xenarju finanzjarju tal-UE evolva matul għexieren ta' snin. Il-qalba tiegħu hija l-baġit tal-UE u l-istrumenti li huma kompletament integrati fih, iżda jinkludi wkoll strumenti barra mill-baġit tal-UE. Dawn l-istrumenti maħluqa reċentement immultiplikaw matul l-aħħar 15-il sena. Dan seħħ prinċipalment b'rispons għal kriżijiet differenti, kif ukoll minħabba restrizzjonijiet legali u prattiċi fuq l-użu tal-istrumenti li diġà kienu jeżistu.

Ivvalutajna jekk il-multiplikazzjoni u d-diversità tal-istrumenti fix-xenarju finanzjarju tal-UE humiex iġġustifikati. L-għan tal-awditu li wettaqna kien li jipprovdi fehim approfondit tat-tfassil tal-arranġamenti attwali, u li jidentifika l-ambitu potenzjali għas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tax-xenarju finanzjarju tal-UE, abbażi ta' analiżi ta' strumenti magħżula.

Sibna li, anke jekk kien hemm raġunijiet għall-ħolqien ta' tipi ġodda ta' strumenti, l-approċċ frammentat li ttieħed għall-istabbiliment tax-xenarju finanzjarju tal-UE rriżulta fi struttura frammentata ta' strumenti b'sorsi differenti ta' finanzjament u arranġamenti ta' governanza differenti. Il-biċċa l-kbira mill-istrumenti ma segwewx il-prattika tajba li jinkludu evidenza ċara li l-alternattiva magħżula u t-tfassil tagħha kienu daww l-aktar adatti. Aħna sibna wkoll li mhux l-istrumenti kollha għandhom arranġamenti ta' għoti ta' rendikont pubbliku adegwati. L-UE introduċiet rappurtar integrat, iżda mhumiex koperti l-istrumenti kollha. Barra minn dan, il-QEA ma għandhiex il-mandat li tawditja xi strumenti barra mill-baġit tal-UE. Għal xi wħud minn daww l-istrumenti, hemm lakuna fl-awditu tal-prestazzjoni tagħhom u ma hemm l-ebda sorveljanza mill-Parlament Ewropew. Osservajna wkoll il-progress reċenti li sar fuq il-konsolidazzjoni ta' diversi strumenti. Madankollu, il-potenzjal għas-simplifikazzjoni għadu ma ġiex sfruttat bis-sħiħ, b'mod partikolari għal daww l-istrumenti li jipprovdu assistenza finanzjarja.

Irrakkomandajna li l-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe strument ġdid li tipproponi jkun fih valutazzjoni tat-tfassil u l-għażliet magħżula, u tikkondividi din il-prattika tajba mal-Kunsill; tikkompila u tippubblica informazzjoni dwar ix-xenarju finanzjarju kumplessiv tal-UE; tipproponi l-integrazzjoni tal-Fond għall-Modernizzazzjoni fil-baġit tal-UE; u tipproponi l-integrazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-istrumenti ta' għajjnuna finanzjarja li jeżistu.

Rapporti annwali u rapporti annwali speċifiċi

Ir-rapporti annwali prinċipalment jippreżentaw ir-riżultati tad-**Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni** tagħna dwar il-baġit tal-Unjoni Ewropea, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-baġit tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ), iżda jkopru wkoll aspetti relatati mal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja kif ukoll mal-prestazzjoni.

Ir-rapporti annwali speċifiċi jippreżentaw ix-xogħol tal-awditjar annwali li wettaqna dwar l-Aġenziji tal-UE u korpi oħra tal-Unjoni, l-Impriżi Konġunti tal-UE, kif ukoll l-Iskejjel Ewropej.

Nippublikaw ukoll rapport dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jinġolqu b'riżultat tal-attivitajiet imwettqa mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, il-Kunsill jew il-Kummissjoni.



Rapport Annwali dwar il-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2022

Kull sena, nawditjaw id-**dħul u n-nefqa tal-UE** biex neżaminaw jekk il-kontijiet annwali humiex affidabbli u jekk it-tranżazzjonijiet tal-introjt u tan-nefqa, li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, jikkonformawx mar-regoli finanzjarji applikabbli fil-livell tal-UE u f'dak tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, nivvalutaw b'mod speċifiku **oqsma prinċipali tal-baġit tal-UE**, abbażi tas-(sub)intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Aħna nanalizzaw ukoll għalfejn u fejn ikunu seħħew ċerti żbalji, nagħmlu rakkomandazzjonijiet biex isir titjib kif ukoll neżaminaw jekk u kif ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna jkunu ġew implimentati.

Dan ix-xogħol estensiv jiffirma l-bażi għad-**Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni** tagħna, li aħna meħtieġa nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mal-mandat tagħna taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.



Baġit tal-UE:
opinjoni favorevoli dwar il-kontijiet u d-dħul

Għas-sena finanzjarja 2022, tajna "**opinjoni favorevoli**" dwar il-kontijiet u dwar id-dħul tal-UE.



Baġit tal-UE:
opinjoni avversa dwar in-nefqa


Fl-2022, l-**infiq tal-baġit tal-UE** kien ta' **EUR 196 biljun**, l-ekwivalenti ta' 1.3 % tal-introjti nazzjonali grossi kkombinati tal-EU-27.

Għas-sena finanzjarja 2022, ħriġna "**opinjoni avversa**" dwar in-nefqa tal-UE.



Żball stmat 4.2 %
(nefqa baġitarja tal-2022)

Għas-sena finanzjarja 2022, stmajna li l-livell ta' żball għan-nefqa baġitarja jinsab **bejn 3.1 % u 5.3 %**. Il-punt tan-nofs ta' din il-firxa, magħruf bħala r-**“rata tal-iżball l-aktar probabbli”**, żdied meta mqabbel mas-sena l-oħra, minn 3.0 % għal 4.2 %.





**66 % tal-popolazzjoni
tal-baġit tal-UE li awditjajna
hija milquta minn żball materjali**

Għas-sena finanzjarja 2022, in-**nefqa b'riskju għoli** rrappreżentat **66 % tal-popolazzjoni li awditjajna**, meta mqabbel ma' 63 % is-sena l-oħra. Il-**livell ta' żball** stmat **għan-nefqa b'riskju għoli** kien ta' **6.0 %**, meta mqabbel ma' 4.7 % għas-sena finanzjarja 2021.


L-infiq tal-UE huwa kkaratterizzat minn **żewġ tipi ta' nefqa** li jinvolvu profili distinti ta' riskju:

- **Nefqa b'riskju baxx:** Din prinċipalment tinkludi pagamenti bbażati fuq drittijiet, parti min-nefqa amministrattiva (“Salarji u pensjonijiet għall-persunal tal-UE”) u appoġġ baġitarju lil pajjiżi mhux tal-UE. Il-pagamenti bbażati fuq drittijiet jinkludu għajjnuna diretta għall-bdiewa (“Riżorsi naturali u ambjent”) u azzjonijiet għall-istudenti kif ukoll azzjonijiet oħra ta' mobbiltà (“Koeżjoni, reżiljenza u valuri”).
- **Nefqa b'riskju għoli, rimborżi tal-ispejjeż:** L-UE tirrimborża l-ispejjeż eliġibbli għal attivitajiet eliġibbli (li jinvolvu regoli aktar kumplessi). Dawn jinkludu proġetti ta' riċerka (taħt “Suq uniku, diġitali u innovazzjoni”), investiment fl-iżvilupp reġjonali u rurali (“Koeżjoni, reżiljenza u valuri” u “Riżorsi naturali u ambjent”), u proġetti ta' għajjnuna għall-iżvilupp (“Viċinat u d-dinja”).



*L-intestaturi tal-QFP li huma
l-aktar suxxettibbli għal żball huma
“Koeżjoni, reżiljenza u valuri”
u “Suq uniku, innovazzjoni u diġitali”*

Għas-sena finanzjarja 2022, **“Koeżjoni, reżiljenza u valuri”** kienet is-subintestatura tal-QFP li kienet l-aktar suxxettibbli għal żball, segwita minn **“Suq uniku, diġitali u innovazzjoni”**.





Nefqa fil-qafas tal-RRF: opinjoni kwalifikata

Fl-2022, għat-tieni darba, xogħolna kopra n-**nefqa fil-qafas tal-RRF** li għaliha nipprovdu opinjoni separata. Dan jirrifletti l-fatt li l-RRF hija strument temporanju mwassal u ffinanzjat b'mod li huwa fundamentalment differenti għall-infiq normali tal-baġit taħt il-QFP. Il-popolazzjoni li awditjajna ammontat għal **EUR 53.7 biljun** b'kollox u kienet tinkludi l-iżborżi kollha - it-13 li huma.

Għas-sena finanzjarja 2022, ħriġna "**opinjoni kwalifikata**" dwar in-nefqa fil-qafas tal-RRF. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna permezz tax-xogħol li wettaqna turi li mit-13-il pagament fil-qafas tal-RRF (u l-approvazzjonijiet relatati tal-prefinanzjamenti), 11 kienu milquta minn sejbiet kwantitattivi. Sitta minn dawn il-pagamenti kienu milquta minn żball materjali. Identifikajna wkoll każijiet ta' tfassil dgħajjed fl-istadji importanti jew fil-miri, u problemi bl-affidabbiltà tal-informazzjoni li l-Istati Membri inkludew fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tagħhom.



Każijiet ta' frodi suspettata li ġew irrappurtati lill-OLAF u lill-UPPE

Bħala l-awditur estern tal-UE, aħna ma għandniex mandat biex ninvestigaw każijiet ta' frodi suspettata. Għalhekk, l-awditi li nwettqu mhumiex maħsuba speċifikament biex jaqdbu l-frodi. Madankollu, meta l-awdituri tagħna jidentifikaw każijiet li fihom nissuspettaw li jaf tkun saret attività frodulenti, għandna l-obbligu nirrappurtaw dawk il-każijiet lill-awtoritajiet kompetenti.

Fl-2023, aħna rrappurtajna **19-il każ ta' frodi suspettata** lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) wara li ġew identifikati matul ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna. **Minn dawk il-każijiet, 17** ġew irrappurtati wkoll lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Fl-2022, irrappurtajna 14-il każ ta' frodi suspettata lill-OLAF u 6 minn dawk il-każijiet lill-UPPE wkoll. Ir-rapport annwali tagħna dwar il-baġit tal-UE jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar in-natura tal-każijiet ta' frodi suspettata u, meta applikabbli u/jew disponibbli, dwar l-irkupri finanzjarji sussegwenti rakkomandati mill-OLAF.

Rapport Annwali dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2022



*FEŻ: opinjoni favorevoli
dwar il-kontijiet u d-dħul;
opinjoni avversa dwar in-nefqa*

Il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ), immedija fl-1959, kienu l-istrumenti prinċipali tal-UE biex tipprovdi **għajjnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp** lil pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lil pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej (PTEE). Huma jiġu ffinanzjati mill-Istati Membri tal-UE u mmaniġġjati **barra mill-baġit tal-UE** mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI). Dawn se jkomplu jiġu implimentati u rrapportati separatament sakemm jingħalqu.


Għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, l-għajjnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-pajjiżi AKP u l-PTEE hija ffinanzjata mill-baġit tal-UE.

Fl-2022, l-**infiq taħt il-FEŻ** ammonta għal **EUR 2.4 biljun** b'kollox.

Bħal fi snin preċedenti, għas-sena finanzjarja 2022 aħna ħriġna **“opinjoni favorevoli”** kemm **dwar il-kontijiet tal-FEŻ** kif ukoll dwar id-**dħul**, iżda ħriġna **“opinjoni avversa”** **dwar in-nefqa taħt il-FEŻ**. Il-livell ta' żball stmat minna għan-nefqa huwa ta' 7.1 % (4.6 % għas-sena finanzjarja 2021).

Rapporti Annwali Speċifiċi dwar l-Aġenziji tal-UE

L-aġenziji tal-UE huma entitajiet ġuridiċi distinti li ġew stabbiliti biex iwettqu kompiti speċifiċi fil-qasam tekniku, xjentifiku jew maniġerjali li jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-UE biex ifasslu u jimplimentaw il-politiki. B'kollox, fl-2022 kien hemm **43 aġenzija**, jiġifieri 1 inqas milli fl-2021 minħabba l-istralċ tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel (Chafea).





**Aġenziji tal-UE: opinjoni favorevoli
għall-biċċa l-kbira mill-aġenziji;
erba' opinjonijiet kwalifikati**

Fis-sena finanzjarja 2022, il-**baġit totali tal-aġenziji kollha** taħt il-mandat tagħna (bl-esklużjoni tal-SRB) kien ta' **EUR 4.5 biljun**, ekwivalenti għal 3 % tal-baġit ġenerali tal-UE għall-2022. Iċ-ċifri korrispondenti għas-sena finanzjarja 2021 kienu EUR 4.1 biljun u 2.5 %.

B' mod ġenerali, l-awditu li wettaqna fir-rigward tal-aġenziji kkonferma r-risultati pożittivi li kienu ġew irrappurtati fi snin preċedenti. Aħna ħriġna **“opinjonijiet favorevoli”** dwar il-kontijiet tal-43 aġenzija u dwar id-dħul. Iċ-certifikajna l-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-aġenziji kollha, ħlief għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (EU-LISA). Għal **dawn l-erba' aġenziji**, ħriġna **opinjoni kwalifikata**, prinċipalment minħabba irregolaritajiet fil-proċeduri ta' akkwist, nuqqas ta' awtorità delegata għal tidhli f'impenji legali jew VAT ineliġibbli.

Rapport Annwali Speċifiku dwar l-Impriżi Konġunti għas-sena finanzjarja 2022

L-Impriżi Konġunti (JUs) huma sħubijiet bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-industrija, u – f'xi każijiet – organizzazzjonijiet tar-riċerka, organizzazzjonijiet intergovernattivi u Stati parteċipanti. Il-missjoni prinċipali tagħhom hija li jrawmu t-trasformazzjoni tal-għarfien xjentifiku f'innovazzjonijiet rivoluzzjonarji kummerċjabbli fi ħdan viżjoni strateġika li s-sħab jikkondividu.

Fl-2021, il-Kunsill adotta regolamenti ġodda li jstabbilixxu **11-il JU** biex jimplementaw azzjonijiet taħt il-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, li huma l-programmi pluriennali ta' riċerka u innovazzjoni għall-perjodu finanzjarju 2021-2027. Dawn il-JUs jimplementaw l-aġendi speċifiċi tagħhom ta' riċerka u innovazzjoni fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, l-industrija b'bażi bijoloġika, it-teknoloġiji diġitali ewlenin, is-supercomputing, is-sistemi intelliġenti tan-networks u ċ-ċibersigurtà.

Mill-11-il JU, 8 diġà kienu qed joperaw taħt il-programm preċedenti (Orizzont 2020), u se jkomplu taħt il-programmi l-ġodda bħala entitajiet legali ġodda, b'ismijiet ġodda u mandati riveduti. Minbarra l-JUs li diġà qed operaw, ġew stabbiliti **tlieta oħra ġodda**: il-JU Networks u Servizzi Intelliġenti, il-JU Saħħa Globali, li kisbu l-awtonomija finanzjarja tagħhom f'Ottubru 2023, u ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà, li se jikseb l-awtonomija finanzjarja tiegħu fl-2024. Il-QEA se tawditja ż-żewġ JUs li kisbu l-awtonomija finanzjarja tagħhom fl-2023.

Barra minn hekk, hemm JU oħra, “Fusion for Energy”, li hija ffinanzjata mill-Euratom u mill-Istati Membri tagħha. Hija responsabbli biex tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Ewropa għar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER).



Impriżi Kongjunti:
opinjoni favorevoli dwar il-JUs kollha

Għas-sena finanzjarja 2022, ħriġna “**opinjonijiet favorevoli**” dwar il-kontijiet, id-dħul u l-pagamenti għat-tmien JUs li baqgħu joperaw taħt il-programmi l-ġodda ta’ riċerka, u għall-“**Fusion for Energy**” (F4E). Madankollu, fissirna tħassib dwar l-impatt li l-ġestjoni ta’ diversi proġetti li jikkoinċidu jista’ jkollha fuq il-persunal u fuq ir-riżultati tal-proġetti. Niġbdu l-attenzjoni għal diversi JUs li rriportaw proġetti miċ-ċiklu baġitarju preċedenti għaċ-ċiklu baġitarju ta’ bħalissa, u jħeġġuhom ilestu dawn il-proġetti ta’ legat mill-aktar fis possibbli.

Bħal fi snin ta’ qabel, l-opinjoni favorevoli tal-awditjar tagħna dwar il-kontijiet għall-2022 tal-“**Fusion for Energy**” (F4E) JU kienet tinkludi “**osservazzjoni**”. Dan kien prinċipalment biex tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-istima attwali ta’ EUR 19-il biljun ta’ finanzjament mill-UE hija bbażata fuq stadji importanti u suppożizzjonijiet tal-kostijiet għall-2016, li se jkunu suġġetti għal reviżjoni sinifikanti, mistennija sa tmiem l-2024.

Rapporti Annwali Speċifiċi dwar l-iskejjel Ewropej u dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni

Għas-sena finanzjarja 2022, ħriġna r-rapport annwali tagħna dwar ir-rieżaminar tal-kontijiet annwali konsolidati tat-13-il **skola Ewropea**. L-analiżi li wettaqna ma żvelat l-ebda żball materjali fil-kontijiet.

Aħna nirrappurtaw kull sena wkoll dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jinħolqu b’riżultat tat-twettiq mill-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRB), il-Kunsill u l-Kummissjoni tal-kompiti tagħhom skont ir-**Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni**. Fir-rapport tagħna dwar is-sena finanzjarja 2022, nikkonkludu li ma hemm xejn li laqat l-attenzjoni tagħna biex iġegħilna nemmnu li l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni, tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, li jinħolqu mit-twettiq tal-kompiti ta’ riżoluzzjoni tagħhom, huma materjalment iddikjarati b’mod skorrett.

Opinjoniġiet



Eżaminar tal-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni

Bħala l-awditur indipendenti estern tal-UE, nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja billi noħroġu opinjonijiet dwar il-**proposti tal-Kummissjoni għal leġislazzjoni ġdida jew riveduta**. Meta dawn il-proposti leġislattivi jinvolvu impatt finanzjarju sinifikanti, id-dritt tal-UE jirrikjedi li niġu kkonsultati. Istituzzjonijiet oħra jistgħu wkoll jitolbuna noħroġu opinjonijiet dwar kwistjonijiet speċifiċi oħra. L-opinjonijiet kollha tagħna jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Fl-2023, ippublikajna **erba' opinjonijiet ta' dan it-tip**. Dawn kienu jikkonċernaw prinċipalment il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni għall-stabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna, l-istabbiliment ta' miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-UE tad-detezzjoni, it-tnejn u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà (l-“Att tal-UE dwar is-Ċibersolidarjetà”) u l-emendar tar-regolament dwar l-arranġamenti għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi finanzjarji proprji l-ġodda tal-Unjoni Ewropea.

Ġurnal tal-QEA

Kull edizzjoni tal-Ġurnal tal-QEA jkun fiha **artikli dwar tema speċifika**, l-aktar minn perspettiva tal-awditjar, mingħand kontributori li jaħdmu kemm fi ħdan, kif ukoll barra mill-istituzzjonijiet tal-UE.

Fl-2023, ħriġna **żewġ edizzjonijiet**, li jindirizzaw **il-progress tat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-UE u l-politika dwar il-migrazzjoni u l-UE**.



Konferenzi u seminars

Fl-2023, organizzajna wkoll il-konferenzi u s-seminars li ġejjin, li kienu miftuħa għall-partijiet interessati:

- seminar dwar ir-riforma li jmiss tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE;
- konferenza online dwar il-futur tal-istatistika uffiċjali: indipendenza u obbligu ta' rendikont fl-era tal-big data;
- konferenza u wirja tal-arti "The Limits of our world";
- konferenza bit-tema "Il-ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza għal kulħadd? Sfidi, appoġġ u inklużjoni għall-komunità LGBTIQ+ fl-UE u fl-istituzzjonijiet tal-UE";
- konferenza dwar l-implimentazzjoni tal-RRF – riskji, sfidi u opportunitajiet;
- "Konferenza dwar il-Koeżjoni 2023 – Evalwazzjoni tal-politika ta' Koeżjoni tal-UE – sfidi u opportunitajiet";
- workshop annwali 2023 bejn il-QEA u l-OLAF;
- workshop konġunt bejn il-QEA, l-OLAF u l-UPPE dwar il-ġlieda kontra l-frodi fl-akkwist pubbliku.



Seminar tal-QEA fl-2023
dwar il-perspettiva strateġika tal-UE
u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE

Darba fis-sena, il-Membri tagħna, is-Segretarju Ġenerali u d-diretturi jmorru **seminar ta' jumejn** biex jiddiskutu kwistjonijiet importanti relatati mal-istrateġija, il-ħidma u l-organizzazzjoni fit-tul tal-QEA.

Matul is-**Seminar tal-QEA** ta' din is-sena, li sar fi Brussell, il-Membri ddiskutew is-suġġetti ewlenin li ġejjin:

- il-perspettiva strateġika tal-UE, u kif il-prijoritajiet futuri tal-UE jaf ikollhom impatt fuq il-ħidma fit-tul tal-QEA;
- awtonomija strateġika miftuħa tal-UE, li tiffoka b'mod partikolari fuq id-dipendenza enerġetika;
- il-Programm ta' Ħidma 2024+.

Relazzjonijiet istituzzjonali

Aħna naħdmu mill-qrib mal-**Parlament Ewropew**, mal-**Kunsill**, mal-**parlamenti nazzjonali/reġjonali** u mal-**gvernijiet tal-Istati Membri**, billi l-impatt ta' xogħolna jiddependi fil-biċċa l-kbira mill-użu li huma jagħmlu mis-sejbiet tal-awditjar u mir-rakkomandazzjonijiet tagħna.

Il-Parlament Ewropew

Fl-2023, il-Parlament Ewropew (PE) kompli l-parteċipazzjoni fiżika regolari fil-plenarja u l-laqqgħat tal-kumitati għal istituzzjonijiet u korpi oħra. L-għadd totali ta' dehriet mill-QEA żdied għal 164, meta mqabbel ma' 134 fl-2022.

Il-kumitati u l-korpi tal-PE, b'mod partikolari l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT), regolarment jistiednu lill-**Membri u lit-timijiet tal-awditjar tal-QEA** biex jippreżentaw ir-riżultati tax-xogħol tagħna fil-laqqgħat tagħhom.



B'mod ġenerali, fl-2023, il-Membri tagħna **ppreżentaw 13-il rapport speċjali u 2 rapporti analitiċi** lill-CONT. Huma **pparteċipaw ukoll f'16-il seduta ta' smiġh pubblika tal-CONT dwar il-kwittanza għall-2022**, inkluża l-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2022 tagħna minn Tony Murphy, il-President tal-QEA.

Barra minn hekk, il-Membri taw **27 preżentazzjoni dwar ir-rapporti speċjali u r-rapporti analitiċi** lil 16-il kumitat ieħor tal-PE, xi wħud f'laqqgħat konġunti ma' kumitati interessati oħra.

Fi Frar 2023, il-**Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati** stiednet lill-President tal-QEA għal skambju ta' fehmiet dwar il-Programm ta' **Ħidma 2023+** tagħna u dwar il-konsultazzjoni dwar il-Programm ta' **Ħidma 2024+**. F'Mejju, **Tony Murphy, il-President tal-QEA**, ħa sehem fil-**plenarja tal-PE b'rabta mal-kwittanza għall-2021**. F'Ottubru, huwa **Itaqa' mal-President tal-PE Roberta Metsola** u **ppreżenta r-Rapport Annwali 2022 lill-plenarja tal-PE**. Il-Membri tal-Awla l-Itaqgħu wkoll mal-Koordinaturi tal-AGRI f'Ġunju biex jiddiskutu l-kooperazzjoni ulterjuri, u l-Kumitat CONT żar il-QEA f'Ottubru biex ikollu skambju ta' fehmiet mal-kulleġġ.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Fl-2023, l-għadd totali ta' dehriet tal-QEA baqa' stabbli f'ammont ta' 81 meta mqabbel mal-2022 (82).

Bħala regola, il-korpi preparatorji tal-Kunsill jittrattaw ir-rapporti speċjali kollha tagħna f'qasir żmien wara l-pubblikazzjoni, iżda mhux neċessarjament ir-rapporti analitiċi u l-opinjoni kollha. Fl-2023, ippreżentajna **29 rapport speċjali, rapport analitiku wieħed u opinjoni waħda** lil 22 kumitat u grupp ta' ħidma differenti tal-Kunsill.

Fl-2023, ir-rappreżentanti tal-QEA attendew ukoll għal 23 laqgħa li kienu ddedikati għall-kwittanza tal-baġit tal-UE għas-snin finanzjarji 2021 u 2022.



Presidenza tal-Kunsill
L-Iżvezja: Jannar – Ġunju 2023
Spanja: Lulju – Diċembru 2023

Tony Murphy, il-President tal-QEA, flimkien ma' Eva Lindström, il-Membru għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali, iltaqgħu mal-Ministru għall-Finanzi Żvediż f'Novembru 2022. F'Ġunju 2023, il-President flimkien mal-Membru tal-QEA Baudilio Tomé Muguruza ltaqgħu mal-Viċi President tal-Gvern Spanjol, is-Segretarju tal-Istat u l-Ministru tal-Finanzi biex jiddiskutu l-prijoritajiet tal-Presidenza tal-Kunsill. F'Novembru, il-President flimkien mal-Membru tal-QEA Annemie Turtelboom iltaqgħu ma' rappreżentanti ewlenin tal-Gvern u l-Parlament Belġjani qabel il-Presidenza tal-Kunsill tagħhom fl-2024. Flimkien mal-Membru tal-QEA għar-rapport annwali Jan Gregor, huwa ltaqa' wkoll mal-Ministru tal-Finanzi Belġjan, qabel il-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2022 lill-Kunsill ECOFIN f'Novembru wkoll. Barra minn hekk, fl-2023 il-Membri u l-maniġment tal-QEA pparteċipaw f'15-il laqgħa ma' rappreżentanti tar-Rappreżentanzi Permanenti għall-UE.

Parlamenti nazzjonali/reġjonali u gvernijiet tal-Istati Membri



Laqgħat ma'
parlamenti nazzjonali/reġjonali


Fl-2023, il-Membri u l-persunal tagħna ppreżentaw ix-xogħol tagħna f'**91 laqgħa mal-parlamenti nazzjonali/reġjonali f'19-il Stat Membru**. Il-biċċa l-kbira mil-laqgħat saru mal-kumitati li jittrattaw il-baġit, l-affarijiet finanzjarji u/jew l-awditjar u l-affarijiet tal-UE.



Laqgħat ma'
gvernijiet tal-Istati Membri

Fl-2023, il-Membri u l-maniġment tagħna ppreżentaw ix-xogħol tagħna f'**120 laqgħa mal-gvernijiet u l-korpi governattivi tal-Istati Membri f'25 Stat Membru**. Il-biċċa l-kbira mil-laqgħat saru mal-ministri/ministeri tal-finanzi.

● Parlamenti nazzjonali/reġjonali ● Gvernijiet tal-Istati Membri



Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Membri tal-QEA u l-Kummissarji għandhom kuntatti bilaterali regolari dwar kompiti tal-awditjar/ta' rieżaminar ippjanati u li għadhom għaddejnin.

Għal bosta snin, kienet ukoll Prattika Stabbilita sew li l-Membri tagħna jkollhom **laqgħa annwali** mal-kontropartijiet tagħhom fil-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-laqgħat jipprovdu opportunità biex jittieħed rendikont, u biex nirriflettu dwar kif nistgħu nkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni tagħna.



F'Novembru 2023, din it-tradizzjoni kompliet meta ż-żewġ kulleġġi ltaqgħu fi Brussell. Il-Membri tal-QEA u l-Kummissarji ddiskutew kif il-baġit tal-UE jikkontribwixxi għall-kisba tal-prijoritajiet ekoloġiċi u diġitali tal-Unjoni, u kif il-baġit tal-UE qed jixpruna l-irkupru ekonomiku Ewropew wara l-pandemija tal-COVID-19. Huma affermaw mill-ġdid ukoll l-impenn komuni tagħhom li jiżguraw li l-fondi tal-Unjoni Ewropea jiġu mmaniġġjati

skont l-oġġla standards ta' obbligu ta' rendikont, trasparenza u ġestjoni finanzjarja tajba. Barra minn hekk, tennew l-importanza ta' sforzi komuni fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet supremi tal-awditjar oħra

Kumitat ta' Kuntatt tal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar tal-UE

Il-kooperazzjoni tagħna mal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar (SAIs) tas-27 Stat Membru sseħħ prinċipalment fi ħdan il-qafas tal-**Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-UE**. Dan il-forum jiffaċilita d-djalogu u l-iskambju bejn is-SAIs tal-Istati Membri tal-UE u l-QEA.

Fi tmiem l-2023, għalaqna l-Awditu tan-Network tal-UE dwar il-COVID-19. Bħala outputs prinċipali, ippubblikajna Kompendju tal-Awditjar wieħed dwar il-COVID-19 (li jkopri x-xogħol tal-awditjar tas-SAIs tal-UE fl-2020) u madwar 70 skeda informattiva online sa tmiem l-2023 li jkopru x-xogħol tal-awditjar relatat mal-COVID mill-perjodu 2020-2023.

Komplejna wkoll bl-attività ta' kooperazzjoni tagħna dwar l-awditjar tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li għaliha organizzajna skambju ta' awdituri fuq il-post f'Ottubru 2023 fil-bini tagħna. Dan kien jinkludi sensiela ta' workshops u rriżulta f'sitt kunċetti preliminari tal-awditjar li jkopru diversi aspetti tal-implimentazzjoni tal-RRF.

Barra minn hekk, bdejna l-Awditu tan-Network tal-UE (EUNA) dwar l-Enerġija. F'Novembru parteeipaw rappreżentanti ta' 19-il SAI tal-UE fil-laqgħa ta' tnedija f'The Hague.



Laqgħa annwali tal-2023

F'Ġunju 2023, il-**laqgħa annwali** tal-Kumitat ta' Kuntatt tal-Kapijiet tas-SAIs tal-UE saret f'Lisbona. Id-diskussjonijiet prinċipali ffukaw fuq it-tema "Enerġija – kif is-SAIs tal-UE jistgħu jikkontribwixxu għal implimentazzjoni aħjar u reżiljenti tal-miri għall-2030". L-avveniment irreveda wkoll l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li kienet it-tema prinċipali tal-laqgħa tal-Kumitat ta' Kuntatt tal-2022.



SAIs ta' pajjiżi kandidati tal-UE u tal-pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE

Nappoġġjaw ukoll is-SAIs tal-pajjiżi kandidati tal-UE (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Georgia, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, it-Turkija u l-Ukrajna) u tal-pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE (il-Kosovo¹).

Fit-tieni nofs tal-2023, assistejna fir-reviżjoni tal-qafas ta' kooperazzjoni tan-Network, adottat f'Diċembru 2023.

¹ Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-Kosovo (UNSCR 1244/1999) u l-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) dwar il-kwistjoni tal-"Konformità mad-dritt internazzjonali tad-dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza fir-rigward tal-Kosovo" tat-22 ta' Lulju 2010.

INTOSAI

Fl-2023, komplejna bl-involviment attiv tagħna fl-attivitajiet tal-**Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI)**. Bħala President tal-Kumitat tal-Istandards Professionali (PSC), organizzajna żewġ laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija li rriżultaw fl-adozzjoni ta' dokumenti li biddlu l-prattiki ta' ħidma attwali, ir-reklutaġġ għall-Forum għad-Dikjarazzjonijiet Professionali tal-INTOSAI u l-Pjan ta' Żvilupp Strateġiku (SDP) tal-Kumitat għall-perjodu 2023-2028. L-implimentazzjoni tal-SDP 2023-2028 tinvolvi diversi miżuri biex tittejjeb iċ-ċarezza u jiġu diġitalizzati d-dikjarazzjonijiet tal-INTOSAI.

Ipparteċipajna wkoll fis-sottokomitati tal-PSC kif ukoll fl-attivitajiet u l-proġetti ta' **korpi ta' ħidma** oħra **tal-INTOSAI**, bħal dawk dwar l-awditjar ambjentali, l-istabbiltà finanzjarja u ekonomika, l-evalwazzjoni tal-politiki pubbliċi, u l-big data.

EUROSAI

Konna wkoll involuti b'mod attiv fl-attivitajiet tal-**Organizzazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (EUROSAI)**, il-grupp reġjonali Ewropew tal-INTOSAI, b'mod partikolari l-gruppi ta' ħidma tagħha dwar l-awditjar ambjentali u t-teknoloġiji tal-informazzjoni, kif ukoll fi proġetti fl-oqsma ta' kwistjonijiet emerġenti, intelliġenza artifiċjali u metodoloġija tal-awditjar.

Il-maniġment tagħna

Membri

Il-QEA topera bħala **korp kolleġġjali** ta' Membri, wieħed minn kull Stat Membru. Wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill jaħtar kull Membru ladarba l-gvernijiet nazzjonali rispettivi tagħhom ikunu nnominawhom. Aħna ma għandniex rwol fil-proċess tan-nomina jew tal-ħatra tal-Membri tagħna.

Il-Membri tagħna jinħatru għal **mandat ta' sitt snin li jista' jiġġedded**. Huma jwettqu l-funzjonijiet tagħhom f'**indipendenza sħiħa** u fl-interess ġenerali tal-UE. Hekk kif jieħdu l-kariga, huma jintrabtu solennement f'dan ir-rigward quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Fl-2023, il-Kunsill ħatar Membru Estonjana ġdida, Keit Pentus-Rosimannus (mill-1 ta' Jannar), u Membru Slovacka ġdida, Katarína Kaszasová (mis-16 ta' Ottubru). Barra minn hekk, il-Kunsill ġedded il-mandat tal-Membru Ungeriż, Ildikó Gáll-Pelcz, għal perjodu ieħor ta' 6 snin (mill-1 ta' Settembru).

Wara l-ħatra tagħha bħala l-Kummissarju Bulgaru ġdida, Iliana Ivanova rriżenjat bħala Membru tal-QEA b'effett mid-19 ta' Settembru 2023.

Il-proċeduri ta' nomina b'rabta mal-ħatra ta' Membru Portugiż ġdid u Membru Bulgaru ġdid kienu għadhom għaddejnin fi tmiem l-2023.

Fl-2023 saru 24 laqgħa tal-kulleġġ. Ir-rata ta' attendenza f'dawn il-laqgħat kienet ta' 88 %. Il-Membri pparteċipaw ukoll fil-laqgħat tal-awli u tal-kumitati (ara wkoll [Awli u kumitati tal-awditjar](#)).

Il-President

Il-President huwa inkarigat mill-istrateġija tal-istituzzjoni, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-prestazzjoni, il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet mal-media, ir-relazzjonijiet istituzzjonali, il-kwistjonijiet legali u l-awditjar intern. Il-President jirrappreżenta wkoll il-QEA fir-relazzjonijiet esterni tagħha.

Il-Membri tagħna jeleġġu wieħed minn fosthom bħala **President** għal perjodu ta' tliet snin li jista' jiġġedded. Il-persuna eletta mbagħad tassumi r-rwol tal-ewwel fost il-pari (*primus inter pares*), tippresiedi l-laqgħat tal-kulleġġ u tiżgura li d-deċiżjonijiet tiegħu jiġu implimentati.

Tony Murphy ġie elett President f'Ottubru 2022.



II-President

Tony
MURPHY

Awla I

Użu sostenibbli
tar-riżorsi naturali



(Dekan)
Joëlle
ELVINGER



Pietro
RUSSO



Nikolaos
MILIONIS



Klaus-Heiner
LEHNE



Keit PENTUS-
ROSIMANNUS

Awla II

Investiment
għall-koeżżjoni,
it- tkabbir u l-inklużjoni



(Dekan)
Annemie
TURTELBOOM



Eva
LINDSTRÖM



Helga
BERGER



Stef
BLOK



George Marius
HYZLER

Awla III

Azzjoni esterna,
sigurtà u ġustizzja



(Dekan)
Bettina
JAKOBSEN




Hannu
TAKKULA



Viorel
ŞTEFAN



Marek
OPIOŁA




Laima Liucija
ANDRIKIENĖ

Awla IV

Regolamentazzjoni
tas-swieg
u ekonomija
kompetittiva




(Dekan)
Mihails
KOZLOVS



Ildikó
GÁLL-PELCZ



Ivana
MALETIĆ



François-Roger
CAZALA

Awla V


Finanzjament
u amministrazzjoni
tal-Unjoni



(Dekan)
Jan
GREGOR



Jorg Kristijan
PETROVIĆ




Lefteris
CHRISTOFOROU



Katarína
KASZASOVÁ

Membru
inkarigat mill-
**Kontroll
tal-Kwalità
tal-Awditjar**



Baudilio
TOMÉ
MUGURUZA

Nota: fi Frar 2024.

Awli tal-awditjar u kumitati

Il-Membri jiġu assenjati f'waħda mill-**ħames awli tal-awditjar**, fejn il-biċċa l-kbira mir-rapporti tal-awditjar, ir-rapporti analitiċi u l-opinjoni tagħna jiġu adottati. L-awli tal-awditjar jallokaw il-kompiti tagħhom fost il-Membri tagħhom. Kull Membru għandu obbligu ta' rendikont lejn l-awla, u lejn il-kulleġġ, għall-kompiti tal-awditjar proprji tiegħu. L-awdituri professjonali li jaħdmu għad-direttorati tal-awli tal-awditjar iwettqu x-xogħol tal-awditjar.

Il-Membri għal kull awla tal-awditjar jagħżlu Dekan għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded. FI-2023, id-**Dekani tal-ħames awli tal-awditjar tagħna** kienu Joëlle Elvinger, Annemie Turtelboom, Bettina Jakobsen, Mihails Kozlovs u Jan Gregor.

Il-**Kumitat għall-Kontroll tal-Kwalità tal-Awditjar (AQCC)** jittratta kemm il-politiki, l-istandards u l-metodoloġija tal-awditjar tal-QEA, kif ukoll l-appoġġ u l-iżvilupp tal-awditjar u l-kontroll tal-kwalità tal-awditjar tagħha. Huwa magħmul minn Membru wieħed minn kull awla tal-awditjar u, mit-28 ta' Settembru 2023, huwa ppresedut minn Baudilio Tomé Muguruza.

Il-Kumitat Amministrattiv (KA) u, fejn ikun xieraq, il-kulleġġ tal-Membri, it-tnejn li huma ppreseduti mill-President, jieħdu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet strateġiċi u amministrattivi usa'. Il-Kumitat Amministrattiv huwa magħmul mill-President, id-Dekani tal-awli, il-President tal-AQCC, u l-Membri għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali (Eva Lindström).

FI-2023, il-laqgħat tal-awli, tal-KA u tal-AQCC b'kollox ammontaw għal 103, 15 u 11, rispettivament. Ir-**rata ta' attendenza** għal dawn il-laqgħat kienet ta' 92 %, 88 % u 88 %, rispettivament.

Kumitati oħra jinkludu l-**Kumitat tal-Etika** (ippresedut minn George Marius Hyzler, mill-4 ta' Lulju 2023), il-**Kumitat tal-Awditjar Intern** (ippresedut minn Hannu Takkula), u l-**Bord Konsultattiv dwar il-Prospettiva** (ippresedut minn Helga Berger).

Il-maniġment superjuri tagħna huwa magħmul mis-**Segretarju Ġenerali** u d-**diretturi**. B'kollox, hemm 10 direttorati, fejn 5 huma assenjati għall-awli tal-awditjar, 1 għall-AQCC, 1 għall-Presidenza u 3 għas-Segretarjat Ġenerali.



**Mariusz
POMIENSKI**
Direttur
Awla I



**Martin
WEBER**
Direttur
Awla II



**Gerhard
ROSS**
Direttur
Presidenza



**Pilar
CALVO FUENTES**
Direttur
Direttorat Lingwistiku
u Editorjali



**Bertrand
ALBUGUES**
Direttur
Awla III



**Veronica
ARDELEAN**
Direttur
Riżorsi Umani, Finanzi
u Servizzi Ġenerali



**Zacharias
KOLIAS**
Segretarju
Ġenerali



**Ioanna
METAXOPOULOU**
Direttur
Awla IV



**Geoffrey
SIMPSON**
Direttur
Kumitat
għall-Kontroll
tal-Kwalità
tal-Awditjar



**José
CARRASCOSA MORENO**
Direttur Ad Interim
Informazzjoni,
Ambjent tax-Xogħol
u Innovazzjoni



**Alejandro
BALLESTER
GALLARDO**
Direttur
Awla V

Nota: F'Jannar 2024.

Kejl tal-prestazzjoni

Aħna napplikaw sett ta' **indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni** (KPIs) biex inżommu lill-maniġment tal-Qorti infurmat dwar il-progress li jkun sar lejn l-ilħuq tal-għanijiet strateġiċi tagħna, biex jiġi appoġġat it-teħid ta' deċiżjonijiet u biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-Qorti lill-partijiet ikkonċernati istituzzjonali tagħha. Aġġornajna l-KPIs biex nappoġġaw l-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025. Is-sett ta' KPIs li ġej jipprovdi stampa ġenerali tal-prestazzjoni tagħna bħala organizzazzjoni f'dak li jirrigwarda d-disseminazzjoni, l-impatt u l-perċezzjoni tax-xogħol tagħna:

- o għadd ta' rapporti ppubblikati;
- o preżenza fil-media;
- o impatt u perċezzjoni tax-xogħol tagħna (feedback mill-partijiet ikkonċernati);
- o drabi fejn nidhru quddiem istituzzjonijiet oħra, parlamenti nazzjonali/reġjonali u gvernijiet tal-Istati Membri, kif ukoll attivitajiet internazzjonali;
- o implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA.



35 rapport ippublikati fl-2023

Ippublikajna 35 rapport fl-2023. Dawn kienu jikkonsistu f'29 rapport speċjali u 6 rapporti analitiċi. L-għadd ta' rapporti ppublikati fl-2023 huwa ogħla mill-aħħar sentejn (2022: 29 rapport u 2021: 32 rapport).


Preżenza fil-media



Il-kopertura mill-media komplet tizzied

Fl-2023, irreġistrajna aktar minn **22 000 artiklu tal-istampa** (ippublikati online) relatati mar-rapporti tal-awditjar tagħna, ma' pubblikazzjonijiet oħra jew mal-QEA inġenerali, u b'hekk ikkonfermajna x-xejra 'l fuq fil-kopertura li għet osservata matul dawn is-snin reċenti (2022: 20 000; 2021: 18 000). Kważi **54 000 post fil-media soċjali** juru l-kontinwazzjoni ta' tkabbir organiku, u l-għedud għall-2022 huma outlier² (2022: 110 000; 2021: 49 000).

² Fl-2022 osservajna għargħar ta' posts tal-media soċjali identiċi ġġenerati permezz ta' networks tendenzjużi (apparentement bl-użu ta' bots ukoll). Dawn ġew skattati l-aktar mir-rapporti speċjali tagħna dwar l-akkwist tal-vaċċini kontra l-COVID-19 u l-korruzzjoni kbira fl-Ukrajna.



Il-kopertura mill-media tista' tvarja b'mod sostanzjali skont is-suġġett u l-kumplessità ta' rapport. Fattori esterni, bħal avveniment importanti jew żvilupp ta' politika, jistgħu wkoll jinfluwenzaw l-interess mill-media fil-pubblikazzjonijiet tagħna. Barra minn hekk, waqt l-emerġenzi, bħall-pandemija jew il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja fl-Ukrajna, l-attenzjoni tal-media hija partikolarment iffukata fuq materjal rilevanti għall-kriżi.



Interazzjoni dejjem tikber mal-istampa

Ilna mill-2020 nipromwovu l-pubblikazzjonijiet tagħna virtwalment, u b'hekk stajna nżidu l-kuntatti mal-ġurnalisti tal-mezzi tax-xandir nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE.

Fl-2023, ħriġna **45 stqarrija għall-istampa** b'24 lingwa tal-UE, kif ukoll diversi noti ta' informazzjoni, avviżi għall-media u dikjarazzjonijiet awdjo (lesti għall-użu) b'ċerti lingwi. Tajna wkoll għadd ta' **intervisti** ma' mezzi ewlenin tal-media fl-Ewropa kollha, li jkopru r-radju, it-TV u l-gazzetti stampati. Barra minn hekk, organizzajna **21 sessjoni ta' informazzjoni għall-istampa online**, u 6 sessjonijiet ta' informazzjoni għall-istampa addizzjonali speċifiċi għall-pajjiż għar-rapport annwali. B'kollox, is-sessjonijiet ta' informazzjoni tagħna attiraw 590 ġurnalist, li l-biċċa l-kbira minnhom jirrappreżentaw mezzi ewlenin tal-media nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE.




1 000 000 żjara u nofs fis-sit web tal-QEA

Fl-2023, nedejna s-sit web tal-QEA l-ġdid tagħna. Ksibna aktar minn **1 000 000 żjara u nofs** fis-sit web tagħna, b'madwar **700 000** viżitatur uniku, li jirrappreżenta żieda ta' aktar minn 14 % meta mqabbel mal-2022.

**2023: I-għadd ta' segwaċi
fuq il-media soċjali
kompla jżded**

Sa tmiem l-2023, it-3 kontijiet tal-media soċjali prinċipali tagħna (X (dak li qabel kien Twitter), LinkedIn, Facebook) kienu attiraw 'il fuq minn **48 000 segwaċi**, jiġifieri żieda minn 45 000 fl-2022 u 39 000 fl-2021.



Impatt u perċezzjoni tax-xogħol tagħna




85 % tar-rispondenti
għall-istħarriġiet tagħna jsibu
li r-rapporti tagħna huma utli
għal xogħolhom

Nivalutaw l-**impatt u l-utilità probabbli ta' xogħolna**, skont il-perċezzjoni tal-qarrejja tar-rapporti tagħna fil-Parlament Ewropew, fil-Kunsill, fil-Kummissjoni, fl-aġenziji tal-UE, fir-rappreżentanzi permanenti tal-Istati Membri, fl-aġenziji tal-Istati Membri u l-SAIs, fl-NGOs, fl-istituzzjonijiet akkademiċi, fil-media u f'partijiet ikkonċernati oħra.

Mill-2018 'il hawn, wettaqna stħarriġiet elettroniċi anonimizzati biex nitolbu lill-qarrejja tagħna jipprovdu **feedback kwalitattiv dwar rapporti magħżula** u jagħmlu suġġerimenti ġenerali għall-ħidma tagħna.

Fl-2023, **85 % ta' madwar 1 060 risponent** kienu jqisu li r-rapporti tagħna kienu utli għax-xogħol tagħhom u **78 %** kienu jqisu li dawn kellhom impatt. Dan huwa simili għar-risultat tas-sena li għaddiet (2022: 82 % u 78 %, rispettivament).



Drabi fejn nidhru quddiem istituzzjonijiet oħra, parlamenti nazzjonali/reġjonali u gvernijiet tal-Istati Membri, kif ukoll attivitajiet internazzjonali




*L-interazzjoni mal-partijiet
ikkonċernati tagħna laħqet livell
għoli ġdid*

Kumplessivament, fl-2023, l-interazzjoni tagħna mal-partijiet ikkonċernati Ewropej u internazzjonali tagħna reġgħet laħqet livell għoli ġdid. Ippreżentajna r-riżultati ta' xogħolna f'**456 okkażjoni** quddiem il-komitati tal-Parlament Ewropew, il-korpi preparatorji tal-Kunsill, il-parlamenti nazzjonali/reġjonali, u l-gvernijiet tal-Istati Membri (2022: 437; 2021: 419).

Barra minn hekk, ipparteċipajna f'**221 attività internazzjonali**. Dawn kienu jinkludu l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali tal-awditjar pubbliku, b'mod partikolari l-INTOSAI u l-EUROSAI, kif ukoll avvenimenti bilaterali ma' SAIs oħra, konferenzi, laqgħat, u attivitajiet mmirati lejn udjenza usa' (2022: 178; 2021: 154).

- Il-Parlament Ewropew
- Il-Kunsill tal-UE
- Parlamenti nazzjonali/reġjonali
- Gvernijiet tal-Istati Membri
- Attivitajiet internazzjonali



Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA




Kważi r-rakkomandazzjonijiet kollha tagħna tal-2019 ġew implimentati, tal-inqas sa ċertu punt


Aħna nkejlu l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħna fuq il-bażi tas-**segwitu mwettaq mill-awdituri tagħna**. Għall-2023, analizzajna r-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni u lil istituzzjonijiet oħra fir-rapporti tagħna tal-2019.

L-analiżi kienet turi li, mir-**rakkomandazzjonijiet** li ngħataw segwitu, **100 %** mill-**15** li għamilna fir-**Rapport Annwali 2019** tagħna, u **85 %** tal-**208** li għamilna fir-**rapporti speċjali tagħna għall-2019** kienu ġew implimentati jew bis-sħiħ, jew f'xi wħud mill-aspetti, jew inkella fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

Rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali



Rakkomandazzjonijiet li saru fir-Rapport Annwali



- Implimentati bis-sħiħ
- Implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti

- Implimentati f'xi wħud mill-aspetti
- Mhux implimentati

Il-persunal tagħna

Allokazzjoni tal-persunal

Fi tmiem l-2023, kellna **882 post permanenti u temporanju**³ (873 fl-2022). Id-disa' postijiet addizzjonali ngħataw mill-awtorità baġitarja fuq bażi temporanja għall-awditu tal-inizjattiva NGEU. Minn dawn il-postijiet 559 kienu f'awli tal-awditjar, inklużi 104 postijiet fil-kabinetti tal-Membri. Il-Presidenza tinkludi l-President u l-Kabinett tiegħu, id-Direttorat tal-Presidenza, is-Servizzi Legali u s-Servizz tal-Awditjar Intern.



Barra minn hekk, kellna **86 membru tal-persunal bil-kuntratt** u **26 espert nazzjonali sekondat** jaħdmu magħna fi tmiem is-sena (2022: 91 u 33 rispettivament).

Reklutaġġ

Il-politika ta' reklutaġġ tagħna ssegwi l-prinċipji ġenerali u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-istituzzjonijiet tal-UE, u l-membri tal-persunal tagħna għandhom **firxa wiesgħa ta' kwalifiki akkademiċi u esperjenza professjonali**.


Fl-2023, irrekltajna **95 impjegat ġdid** (2022: 107): 27 uffiċjal, 47 membru tal-persunal temporanju, 17-il membru tal-persunal bil-kuntratt, u 4 esperti nazzjonali sekondati. Fl-ispirtu tas-solidarjetà, tat-tagħlim reċiproku u tal-kooperazzjoni, is-sekondar tal-ħames **esperti nazzjonali Ukreni** li ngħaqdu mal-QEA fl-2022 ġie estiż għal sena addizzjonali, minn Lulju 2023 sa Lulju 2024. Ipprovdejna wkoll **64 traineeship** (2022: 60) għal gradwati universitarji, li damu minn 3 sa 5 xhur. Mill-64 trainee, 62 tħallsu mill-QEA u 2 irċewew remunerazzjoni mingħand l-Istat Membru tagħhom.

Il-**programm ta' integrazzjoni (onboarding) ASPIRE** għall-awdituri tfassal biex il-QEA tkun tista' tirrekluta u tilqa' awdituri ġodda fil-livell tal-QEA, biex ikunu jistgħu jieħdu sehem f'attivitajiet ta' taħriġ immirati u biex jiksbu esperjenza fuq il-post tax-xogħol kemm fl-awditjar tal-konformità/finanzjarju kif ukoll f'dak tal-prestazzjoni fl-ewwel 3 snin tagħhom.


³ Li jinkludu postijiet temporanjament vakanti.

Profil tal-etajiet

Tliet kwarti (75 %) tal-persunal tagħna fis-servizz attiv fi tmiem l-2023 kellhom bejn **40 u 59 sena**, l-istess bħal fl-2022.





Hemm **73 %** tal-**maniġers** tagħna li għandhom **50 sena jew aktar** (2022: 72 %). Dan se jwassal għal tiġdid ta' parti sostanzjali mill-maniġment tagħna matul il-5 sa 10 snin li ġejjin.




Opportunitajiet indaq

B' mod ġenerali, nimpjegaw **proporzjonijiet indaq ta' nisa u rġiel fil-forza tax-xogħol tagħna.**





Aħna impenjati li noffru **opportunitajiet indaqs tal-karriera** għall-membri tal-persunal tagħna fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni. Nimpjegaw proporzjonijiet indaqs ta' nisa u rgjel, u fi snin reċenti żdied is-sehem ta' diretturi u maniġers prinċipali nisa fostna minn 33 % fl-2019 għal 38 % fl-2023.



Il-proporzjon ta' maniġers prinċipali nisa fl-awditjar fil-QEA laħaq il-**50 %** (41.4 % fl-2022), li huwa 'l fuq mill-mira tal-2027 ta' 40 %. F'konformità mal-[pjan ta' Azzjoni dwar id-Diversità u l-Inklużjoni \(2021-2025\)](#) tal-QEA, fl-2023 ippubblikajna l-ewwel rapport annwali dwar id-D&I (għall-2022).

Bl-istess mod, aħna nibqgħu impenjati li niksbu **bilanċ ġeografiku fil-maniġment tagħna**.

Wara l-adozzjoni f'Diċembru 2022 tad-Deċiżjoni Nru 50-2022 dwar il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-iżgurar ta' post tax-xogħol rispettuż u ħieles mill-fastidju, wettaqna diversi azzjonijiet (eż. ħatra ta' medjaturi interni u konsulenti kunfidenzjali, taħriġ obligatorju għall-maniġers, ħolqien ta' paġna web iddedikata fuq is-sit tal-intranet tal-QEA) biex nimplimentaw id-deċiżjoni.

Barra minn hekk, fl-2023, għall-ewwel darba twettaq awditu estern dwar l-aċċessibilità fiżika tal-bini tal-QEA. Dan irriżulta fi studju b'rakkomandazzjonijiet u azzjonijiet potenzjali biex il-bini tal-QEA jsir aktar aċċessibbli għal kulħadd, inklużi l-persuni b'diżabilità. Se nibdew l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet maqbula fl-2024 billi nikkummissjonaw pjan biex intejbu s-sinjalar relatat mal-aċċessibilità fil-bini kollu tal-QEA. Barra minn hekk, se nikkooeraw ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE biex noħolqu mod armonizzat biex inkejlu l-progress u nirrappurtaw dwar ir-reklutaġġ ta' persuni b'diżabilità, kif irrakkomandat mir-[Rapport Speċjali 20/2023](#) li jgħib it-titolu "Nappoġġaw lill-persuni b'diżabilità: L-impatt prattiku tal-azzjoni mill-UE huwa limitat".

Etika

Il-linji gwida dwar l-etika tal-QEA huma bbażati fuq il-**valuri** tal-indipendenza, l-integrità, l-oġġettività, it-trasparenza u l-professjonaliżmu. Il-QEA tirrikonoxxi r-rekwiżiti stabbiliti fil-**Kodiċi tal-Etika tal-Intosai** (ISSAI 130) u inkludiethom fil-**linji gwida dwar l-etika** tagħha, li huma applikabbli għall-Membri u għall-persunal kollu tal-QEA.

Il-QEA affermat mill-ġdid l-impenn tagħha favur it-trasparenza billi rrevediet id-deċiżjoni tagħha dwar l-**aċċess pubbliku għad-dokumenti**. L-iskop kien li tiġi riflessa l-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza Ewropea, u li tiġi ssimplifikata l-proċedura għat-tweġiba għal talbiet ta' aċċess għad-dokumenti u għal talbiet konfermatorji. Id-deċiżjoni l-ġdida ġiet ippubblikata f'**Il-Ġurnal Uffiċjali** f'Settembru 2023.

Bħala parti minn riforma reċenti tal-qafas etiku tagħna, aġġornajna r-**regoli interni dwar ir-rappurtar ta' irregolaritajiet serji** (żvelar ta' informazzjoni protetta), sabiex nagħmluhom aktar ċari, aktar dettaljati, u nipprovdu aktar informazzjoni lill-persunal. Biex nenfasizzaw l-importanza li nagħtu lill-protezzjoni tal-informaturi, is-sett il-ġdid ta' regoli huwa stabbilit f'deċiżjoni tal-kulleġġ.

Il-Kumitat tal-Etika tal-QEA jirrieżamina kwistjonijiet etiċi rilevanti, li jinkludu l-attivitajiet esterni tal-Membri, biex jirrispetta l-istandards tal-QEA. Jikkonsisti fi tliet membri maħtura mill-kulleġġ, li jinkludu żewġ Membri tal-QEA u membru estern wieħed magħżula abbażi tal-kapaċitajiet u l-kwalitajiet professjonali tagħhom. Il-Kumitat iltaqat f'ħames darbiet fl-2023.

Appoġġ għall-awditjar

Trasformazzjoni diġitali tal-awditjar

Il-QEA tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-proċessi tal-awditjar tagħha billi ssaħħaħ l-integrazzjoni u l-interoperabbiltà tas-sistemi eżistenti tagħha. B'mod parallel, hija implimentat attivitajiet ta' awditjar tal-IT, ta' xjenza tad-*data* avvanzata, u ta' awtomatizzazzjoni, bħala parti mill-pjan ta' żvilupp tagħha biex it-teknoloġija għall-awditjar tintuża aħjar. Komplet ukoll l-attivitajiet ta' innovazzjoni tagħha bil-għan li tidentifika teknoloġija emerġenti li tista' tintuża b'modi ġodda biex tappoġġa x-xogħol tal-awditjar.



Komunikazzjoni diġitali mal-partijiet ikkonċernati

FI-2023, l-**istudjo tal-QEA** l-ġdid ntuża b'mod estensiv għat-twassil ta' aġġornamenti għall-istampa online, laqgħat mal-partijiet ikkonċernati, konferenzi ibridi u vidjos promozzjonali mill-Membri tal-QEA dwar prodotti tal-QEA kif ukoll vidjos interni tal-QEA dwar is-sensibilizzazzjoni u vidjos informattivi interni tal-QEA.

B'mod aktar speċifiku, huwa wassal 23 laqgħa ta' informazzjoni għall-istampa, 9 rapporti bil-vidjo, 6 aġġornamenti tax-xogħol tal-QEA, 4 laqgħat mal-partijiet ikkonċernati, 2 intervisti televiżivi, vidjo ta' avveniment wieħed u konferenza online waħda. Ipproduċa wkoll sitt vidjos dwar l-attrazzjoni tal-Lussemburgu u 10 vidjos interni.



Integrazzjoni diġitali u awtomatizzazzjoni

L-integrazzjoni tas-**sistemi ta' informazzjoni tal-awditjar** komplet bl-oġġettiv li ttejjeb l-interoperabbiltà bejn is-sistemi li diġà jeżistu u li l-utent jiġi offrut esperjenza b'inqas xkiel. Dan jinkludi s-sistema ta' dokumentazzjoni tal-awditjar prinċipali tagħna ASSYST, is-sistema ta' ġestjoni tal-awditjar AMS. Tnediet sistema ġdida ta' ġestjoni tal-fluss tax-xogħol għall-approvazzjoni tad-dokumenti (PASS), li qed tintegra mal-EU Sign li tippermetti firma elettronika kwalifikata. Ġew stabbiliti wkoll għodod biex jiġi ffaċilitat u aċċellerat ir-rieżaminar tad-dokumenti. L-użu tal-Maħżen tad-*Data* tal-QEA ġie estiż b'aktar rapporti li jippermettu viżwalizzazzjoni u monitoraġġ interattivi tad-*data*.



**Servizzi avvanzati tax-xjenza
tad-data u awditjar tal-IT**

It-**tim DATA** (*Data* u Teknoloġija għall-Awditjar), li ġie stabbilit fl-2021, kompla jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp għal użu aħjar mit-teknoloġija b'appoġġ għall-oġettivi tal-awditjar tal-QEA.

Il-membri tat-tim DATA ħadmu mill-qrib mat-timijiet tal-awditjar biex jifhmu l-proċessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Skont il-kumplessità tal-ħtieġa, ix-xogħol varja minn involviment għal żmien qasir sa parteċipazzjoni fuq skala sħiħa f'kompiti tal-awditjar, kemm għax xjentisti tad-*data* kif ukoll għall-awdituri tal-IT.

It-tim DATA mexxa, jew ipparteċipa f'diversi proġetti fil-QEA kollha:

- proġett pilota biex jiġi vvalutat kif jista' jsir użu effettiv mill-pjattaforma e-Procurement tal-Kummissjoni Ewropea;
- involviment ta' esperti tad-*data* għat-task force tal-NGEU;
- żvilupp ta' għodda prototip b'estrazzjoni tat-test avvanzata u funzjonalitajiet ta' tiftix semantiku għall-produzzjoni tal-QEA stess; u
- appoġġ lill-awdituri biex jisselezzjonaw l-aħjar għażliet minn dawk disponibbli fl-“infrastruttura tax-xjenza tad-*data*” stabbilita fl-2022, li tagħti lok għall-iproċessar tad-*data* kif ukoll għall-analiżi u l-viżwalizzazzjoni avvanzati.

Wara l-aċċellerazzjoni rapida fl-iżvilupp tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA), b'mod partikolari fil-qasam tal-IA ġenerattiva, it-tim DATA ħejja analiżi tal-opportunitajiet u l-isfidi tal-IA għall-QEA u għax-xogħol tal-awditjar tagħna. Bħala segwitu bdew jiżviluppaw proposta għal strateġija dwar l-użu tal-IA fil-proċess tal-awditjar.



Tnieda approċċ ġdid għall-innovazzjoni li jserraħ fuq tip ġdid ta' "**Proġetti ta' Innovazzjoni Qosra**" (SIPs) u fuq il-ħolqien ta' laboratorju tal-innovazzjoni li se jkun qed jiffoka fuq l-ittestjar ta' teknoloġiji ġodda. L-SIPs tipikament jiġu skattati minn utenti li jixtiequ jippruvaw b'mod dirett għodda jew teknoloġija ġdida, filwaqt li l-IT tassenja maniġer tal-proġett biex jakkumpanja lill-utent u jieħu ħsieb l-aspetti teknoloġiċi u ta' governanza tal-IT. L-ewwel SIPs jinkludu l-użu ta' droni għall-awditjar u l-ittestjar ta' għodod ta' ġestjoni tal-awditjar kummerċjali li jistgħu jissostitwixxu l-ASSYST u l-użu ta' IA ġenerattiva.

B'mod parallel, tnediet il-ħidma għall-istabbiliment ta' Ċentru ta' Kompetenza multidixiplinari dwar l-Intelliġenza Artifiċjali biex jappoġġa l-istrateġija tal-QEA msemmija hawn fuq dwar l-IA.

Il-QEA kompliet tkun involuta b'mod attiv fil-grupp tat-Teknoloġija emerġenti tal-Kumitat Interistituzzjonali għat-Trasformazzjoni Diġitali, b'fokus fuq ix-xogħol dwar l-intelliġenza artifiċjali fl-2023.

Komunikazzjoni viżiva



L-użu ta' elementi viżivi u viżwalizzazzjoni tad-*data* li jkunu konvinċenti sar aktar u aktar importanti fil-kuntest tal-interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tagħna u l-kuntatt maċ-ċittadini tal-UE. Fl-2023, it-tim tad-disinn grafiku fid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni tal-QEA kompli jagħti appoġġ dirett lit-timijiet tal-awditjar, u pprovdilhom infografika u illustrazzjonijiet imfassla apposta għal ħtiġijietom u f'konformità mal-identità viżiva tal-QEA.

Jekk nużaw elementi viżivi fil-komunikazzjoni tagħna, ir-risultati tax-xogħol tal-awditjar tagħna jistgħu jsiru aktar viżibbli, jinftiehm u aħjar, u b'hekk ikunu aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini u għall-partijiet ikkonċernati, sabiex nagħtu valur akbar lix-xogħol tal-awditjar tagħna u nsaħħu l-impatt tar-rapporti tagħna. It-tnedija ta' sit web ġdid f'April 2023 tkompli tirrinforza dan l-isforz, b'dehra aktar moderna u funzjonalitajiet imtejba.

Metodoloġija tal-awditjar



AWARE

Il-pjattaforma diġitali interna tagħna **AWARE (Accessible Web-based Audit Resource)** tiddekrivi l-metodoloġija u l-gwida tagħna dwar l-awditjar. Huwa disponibbli fuq is-**sit web** tagħna. Din tipprovdi **punt uniku ta' aċċess** għall-pubbliku għall-metodoloġija tal-awditjar tagħna.



Taħriġ professjonali



2023: il-miri tat-taħriġ professjonali nqabżu

Fl-2023, erġajna qbiżna l-**mira tat-taħriġ professjonali** ta' 5 ijiem taħriġ mhux lingwistiku fis-sena għall-awdituri, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti, u jumejn għall-membri tal-persunal li mhumiex awdituri.

L-awdituri tagħna attendew għal medja ta' **6.7 ijiem taħriġ mhux lingwistiku** (6.9 fl-2022 u 8.5 fl-2021), li minnhom **4.5 ijiem** kienu taħriġ relatat mal-attivitajiet prinċipali (relatati mal-awditjar). Il-persunal mhux tal-awditjar tagħna attenda għal medja ta' **3.0 ijiem taħriġ** (3.6 fl-2022 u 4.2 fl-2021). B'hal fl-2022, il-kemxejn tnaqqis minn sena għal oħra fiż-żewġ indikaturi jista' jiġi spjegat mir-ritorn gradwali tat-taħriġ fil-klassijiet/wiċċ imb wiċċ, li jipprovdi esperjenza ta' apprendiment aħjar, iżda fih innifsu jakkomoda inqas nies mill-alternattivi online.



Taħriġ imfassal apposta għall-awdituri

It-tim tat-taħriġ professjonali l-ħin kollu jistinka biex iwassal taħriġ ta' kwalità għolja għall-persunal tagħna, b'attenzjoni partikolari għat-**taħriġ relatat mal-attivitajiet prinċipali (relatati mal-awditjar)**. Waħda mill-prijoritajiet ewlenin hija li jiżded u jissaħħaħ l-**għarfien dwar l-oqsma tal-awditjar tagħna/l-oqsma ta' politika tal-UE**, b'kooperazzjoni mal-awli tal-awditjar tagħna. Fl-2023, għall-awli tal-awditjar kollha organizzajna diversi sessjonijiet ta' taħriġ dwar oqsma ta' politika, li koprew suġġetti prijoritarji li kienu ġew identifikati fil-bidu tas-sena.

Komplejna wkoll inħarrġu lill-persunal tagħna dwar in-**NextGenerationEU (NGEU)**, u l-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)**. Dan kien jinkludi l-kors ta' taħriġ emblematicu tagħna fuq jumejn dwar l-RRF, li nwasslu b'kooperazzjoni mal-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika. Barra minn hekk, organizzajna sessjonijiet dwar ir-riskji, l-isfidi u l-opportunitajiet tal-RRF u taħditiet dwar l-RRF fejn esperti esterni ppreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar suġġetti relatati mal-RRF.

F'Ġunju 2023, aġġornajna l-**programm ta' taħriġ** tagħna **dwar l-użu tad-data u t-teknoloġija fl-awditjar**. Fl-aħħar ta' Novembru saret sessjoni pilota dwar l-introduzzjoni għall-Intelliġenza Artifiċjali li se tiġi segwita minn aktar sessjonijiet fl-2024.



Qafas ta' kompetenza ġdida għall-awdituri

Fi Frar 2023, nedejna proġett biex niddefinixxu **qafas ta' kompetenza ġdida għall-awdituri tagħna**. Dan il-qafas se jiddeskrivi fil-qosor il-kompetenzi tal-awdituri finanzjarji, tal-konformità u tal-prestazzjoni tal-QEA, li huma fundamentali biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'suċċess. Dan jibni fuq il-gwida tal-INTOSAI u fuq il-kontribut li rċevajna mill-konsultazzjoni ta' 15-il Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar. Il-proġett qiegħed fl-aħħar stadju tiegħu, u mistenni li jitlesta fl-ewwel 6 xhur tal-2024. Dan se jipprovi l-bażi għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' tagħlim u żvilupp u jistruttura l-offerta ta' taħriġ tal-attivitajiet prinċipali tal-QEA abbażi ta' kompetenzi ewlenin.

Traduzzjoni

Fl-2023, ittraduċejna u rrevedejna 'l fuq minn **208 000 paġna** (2022: 203 700), li jinkludu 12 900 paġna ta' xogħol esternalizzat. It-timijiet tal-lingwa jużaw kemm għodod meġhuna mill-kompjuter kif ukoll teknoloġiji ta' traduzzjoni awtomatika biex jissimplifikaw il-proċess tat-traduzzjoni. Ħejjejna 52 pubblikazzjoni li japplikaw u jikkontrollaw l-istandards tal-identità editorjali u viżiva tal-QEA. It-tradutturi tagħna pparteċipaw ukoll fl-attivitajiet tal-awditjar tagħna, billi offrew **assistenza lingwistika** kemm matul iż-żjarat tal-awditjar, il-laqgħat online jew ibridi kif ukoll fil-**kitba tar-rapporti** biex iċ-ċarezza tal-lingwa tkun żgurata. Barra minn hekk, kienu involuti f'**xogħol ta' komunikazzjoni**, fejn taw pariri lingwistiċi u tejbu l-kwalità billi fasslu messaġġi apposta għall-udjenza fil-mira, pereżempju permezz ta' adattament kulturali.

Ċibersigurtà



Ċibersigurtà:
theddiet dejjem jżiedu

It-Tim tas-Sigurtà tal-IT tal-QEA huwa inkarigat biż-żamma tas-sigurtà tas-servizzi tal-IT tagħna. Din, huma jiksbuha bl-appoġġ tal-Iskwadra Interistituzzjonali ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters, is-CERT-UE. Dan l-appoġġ wera li kien partikolarment ta' għajnuna fit-trattament tal-inċident ċibernetiku li seħħ f'Lulju 2023. Is-sigurtà ta' waħda mill-gateways tagħna ma setgħetx tibqa' garantita. Madankollu, investigazzjonijiet ulterjuri ma żvelaw l-ebda ksur tad-*data* u l-ebda sistema oħra kompromessa.

Sar progress fl-implimentazzjoni tal-**pjan dwar iċ-ċibersigurtà għall-perjodu 2022-2024**, u għadd kbir ta' azzjonijiet diġà tlestew jew qed jitlestew. Waħda mill-azzjonijiet l-aktar rilevanti li ġew implimentati kienet is-sostituzzjoni tas-soluzzjoni VPN permezz ta' teknoloġija ta' aċċess remot b'fiduċja żero.

Il-phishing kompli jkun it-theddida ċibernetika prevalenti. Il-QEA rrinforzat is-soluzzjonijiet tas-sigurtà tal-email biex tkampja aħjar bl-emails malizzjużi.

Fl-2023 saru diversi **kampanji ta' phishing**, inkluża kampanja li twettqet fil-livell interistituzzjonali bit-tmexxija tal-QEA. Irreġistrata żieda fl-għadd ta' persunal tal-QEA li identifika u rrapporta l-messaġġi ta' phishing, filwaqt li bdejna wkoll nużaw għodda ġdida li tippermettilna nwettqu kampanji mmirati ta' phishing.

Is-sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà fost il-persunal tal-QEA baqgħet wieħed mill-punti fokali prinċipali tat-tim ISO. Minbarra l-forma tradizzjonali ta' komunikazzjoni bħal sessjonijiet ta' taħriġ u bullettini, ġew ippubblikati diversi vidjos f'format ta' intervista, billi wrew li huma teknika ta' komunikazzjoni effettiva u moderna.

Il-QEA lestiet ukoll l-onboarding mas-SECABC, li hija sistema ospitata mill-Kummissjoni Ewropea, biex tiffaċilita l-iskambju ta' posta elettronika kriptata fost l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE.

Azzjonijiet oħra jinkludu wkoll l-attivazzjoni tal-għażla "do not forward" f'Outlook u l-projbizzjoni tal-applikazzjoni TikTok.

Fl-aħħar nett, il-QEA kienet attiva fit-tnejn tar-regolament interistituzzjonali l-ġdid dwar iċ-ċibersigurtà u diġà tapplika ħafna mid-dispożizzjonijiet tiegħu.

Binjiet




*Post tax-xogħol inklużiv, sikur
u li jirrispetta l-ambjent*

Nemnu b' mod ferm li post tax-xogħol tajjeb huwa essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi tal-QEA. L-impatt dirett fuq il-benesseri tal-persunal jikkontribwixxi biex il-QEA ssir post tax-xogħol attraenti.

Il-viżjoni tagħna hija li lill-impjegati kollha nipprovdulhom post tax-xogħol sostenibbli, b'ambjent tax-xogħol kollaborattiv, orjentat lejn il-benesseri, sikur, inklużiv u li jirrispetta l-ambjent.

Bħalissa aħna l-proprjetarji ta' **tliet binjiet** fid-distrett Luxembourg Kirchberg (il-binjiet "K1", "K2" u "K3") li joperaw bħala entità teknika integrata waħda. Nikru wkoll uffiċċji fil-Lussemburgu għaċ-ċentru tagħna ta' rkupru f'każ ta' diżastru.



Ġestjoni ambjentali

Bħala istituzzjoni tal-UE, għandna d-dmir li napplikaw il-prinċipju tal-ġestjoni ambjentali tajba fl-attivitajiet kollha tagħna. Għalhekk, aħna impenjati li **nnaqqsu kontinwament l-impatt tagħna fuq l-ambjent**. Kull sena, nimmonitorjaw u nanalizzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġġenerati mill-attivitajiet tagħna.

Il-QEA hija kburija biċ-**ċertifikazzjoni** EMAS (Skema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali) li kisbet. Noperaw b'suċċess **sistema ta' ġestjoni ambjentali li hija konformi mal-EMAS**, u nikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni ISO 14001:2015.

Wara t-tiġdid b'suċċess taċ-ċertifikazzjoni EMAS sal-2025, l-awditu annwali tal-verifikazzjoni esterna tal-EMAS sar f'Ottubru 2023. Ir-risultati kienu ta' suċċess, ma nstab l-ebda nuqqas ta' konformità u ġew identifikati ħafna Prattiki tajba.

Fl-aħħar nett, ġie approvat pjan ta' azzjoni ġdid tal-EMAS għall-perjodu 2023-2025.



Azzjonijiet biex nindirizzaw il-kriżi tal-enerġija

Il-QEA ħadet diversi miżuri biex tindirizza l-kriżi tal-enerġija wara l-pjan "Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura" tal-Kummissjoni u tal-Kunsill. Il-ħaqna tnaqqis ta' 21 % għall-perjodu 2022-2023 meta mqabbel mal-konsum medju matul il-5 snin ta' qabel.

Il-QEA tibqa' tiegħu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni li ħareġ il-Gvern tal-Lussemburgu biex it-temperatura tal-binjiet li jiġihaddmu mill-awtoritajiet pubbliċi tiġi llimitata għal 20 C.

Wara l-awditu tal-enerġija tal-binjiet tal-QEA fl-2022, ħadna l-passi meħtieġa biex innaqqsu l-konsum tal-enerġija fil-binjiet, bħall-implimentazzjoni ta' diversi miżuri matul is-sajf tal-2023: żidna t-temperatura f'żoni bl-arja kundizzjonata, tfejna s-sistemi ta' ventilazzjoni u tkessiħ f'xi żoni tal-binjiet u naqqasna t-tidwil fil-kurituri u fit-turġien K1 u K2 sad-dawl ta' sigurtà minima.



Pjan direzzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2030

Fl-2022, twettaq studju dwar il-potenzjal li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-QEA. It-tnaqqis potenzjali tal-emissjonijiet ġie vvalutat abbażi ta' kalkoli annwali tal-impronta tal-karbonju u ideat miġbura matul il-konsultazzjoni tad-dipartimenti u l-persunal kollha tal-QEA fir-rebbiegħa tal-2022. It-timijiet operazzjonali identifikaw u evalwaw 371 idea għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, li wasslu għal 3 pjanijiet direzzjonali. Abbażi ta' din ir-riflessjoni, adottajna **programm ambjentali ġdid** għall-perjodu 2023-2025.



Rappurtar dwar is-sostenibbiltà

Fl-2023, ippublikajna t-tieni **rapport tal-QEA dwar is-sostenibbiltà** tagħna, li jikkorrispondi għas-sena 2022. Ir-rappurtar dwar is-sostenibbiltà huwa l-eżerċizzju tal-evalwazzjoni, tal-kejl u tar-rappurtar dwar kif l-organizzazzjoni tindirizza u timmaniġġja l-impatti materjali tagħha fuq l-ekonomija, fuq is-soċjetà u fuq l-ambjent. Ir-rapport dwar is-sostenibbiltà jagħti ħarsa ġenerali lejn l-impatti tal-operazzjonijiet tagħna. Jirrapporta wkoll kif fl-awditi tagħna neżaminaw jekk il-fondi tal-UE humiex qed jappoġġaw tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa u madwar id-dinja. Huwa jipprovdi wkoll informazzjoni dwar l-impatt tal-istruttura tagħna u l-modi li bihom noperaw mil-lat amministrattiv sabiex inwettqu din il-missjoni.

Ir-rappurtar tagħna dwar is-sostenibbiltà għas-sena 2023 huwa mehmuż bħala **Anness** ta' dan ir-rapport.

MT

Anness

**Ir-rappurtar tagħna
dwar is-sostenibbiltà
għall-2023**



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



Introduzzjoni

01 Dan l-anness jiddeskrivi l-isforzi kontinwi li qed nagħmlu biex inkunu istituzzjoni sostenibbli. Aħna u nagħżlu l-kontenut, ispirajna ruħna mill-istandards tal-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar¹ (GRI), u adattajniehom għall-kuntest u l-karatteristiki tagħna bħala istituzzjoni pubblika. L-anness jiddeskrivi kif aħna nindirizzaw l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tax-xogħol li nwettqu, kemm internament kif ukoll esternament.

02 Din hija t-tielet darba li rrapportajna dwar is-sostenibbiltà. L-ewwel rapport dwar l-2021 huwa disponibbli [hawnhekk](#), u t-tieni, dwar l-2022, jista' jinsab [hawnhekk](#). Nistednuk tikkonsulta ż-żewġ rapporti preċedenti sabiex tikkomplementa r-rapport tal-2023.

03 Meta dan id-dokument kien qed jitħejja, ċerta *data* – b'mod partikolari dwar il-konsum tar-riżorsi – kienet għadha mhix disponibbli. Meta dan kien il-każ, użajna ċ-ċifri għall-2022.

04 Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet u r-rapporti tal-awditjar tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), jekk jogħġbok żur is-sit web tagħna: www.eca.europa.eu. Tista' wkoll:

- o issegwina fuq [X](#) (dak li qabel kien magħruf bħala Twitter)
- o tara l-paġna tagħna fuq [LinkedIn](#) u [Facebook](#)
- o tara l-vidjos tagħna fuq [YouTube](#)

¹ L-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar hija organizzazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ. Il-GRI tipproduċi Linji Gwida għar-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà, li huma mingħajr ħlas, biex il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jirrapportaw il-prestazzjoni ekonomika, ambjentali, soċjali u ta' governanza tagħhom. Il-qafas tal-GRI għar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà jgħin lill-kumpaniji jidentifikaw, jiġbru u jirrapportaw din l-informazzjoni b'mod ċar u kumparabbli.

Standards ekonomiċi

Prestazzjoni ekonomika

05 Id-dispożizzjonijiet finanzjarji li jirregolaw il-QEA huma stabbiliti fit-[Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE](#)². Fl-2023, il-baġit tagħna kien ta' EUR 175.1 miljun (EUR 162.1 miljun fl-2022), b'rata ta' eżekuzzjoni ta' 98 % (98.5 % fl-2022 u 97 % fl-2021). Il-baġit tagħna jirrappreżenta madwar 1.5 % tan-nefqa amministrattiva totali tal-UE (inqas minn 0.1 % tal-infiq totali tal-UE).

06 Il-kontijiet annwali tagħna jitfasslu mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-QEA, u jiġu awditjati fuq bażi annwali minn awditur estern. Il-kontijiet annwali awditjati, flimkien mar-rapporti tal-awditur estern, jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea għal skopijiet ta' konsolidazzjoni, u lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

07 Aħna nagħtu ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-baġit tagħna, u nispjegaw avvenimenti li kellhom impatt sinifikanti fuq ix-xogħol li wettaqna fir-[Rapport annwali tagħna dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja](#). Ir-rapport jintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

L-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU f'kuntest tal-UE

08 Bħala istituzzjoni suprema tal-awditjar, il-QEA għandha kontribut siewi x'tagħti, permezz tal-awditi tagħha, biex jintlaħqu s-17-il [għan ta' żvilupp sostenibbli](#) (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU). F'konformità mal-mandat u l-prijoritajiet tagħna, aħna nimmonitorjaw l-implimentazzjoni, nittraċċaw il-progress, u nidentifikaw titjib fl-SDGs kollha.

09 Filwaqt li ma wettaqna l-ebda awditu li jiffoka speċifikament fuq l-implimentazzjoni tal-SDGs, ippublikajna għadd ta' rapporti dwar suġġetti rilevanti għal SDG wieħed jew aktar. Fl-2023, ippublikajna 35 rapport, kemm rapporti speċjali kif ukoll dawk analitiċi. Minn dawn ir-rapporti, 89 % (62 % fl-2022) koprew suġġetti li huma rilevanti għall-ilħuq tal-SDGs tan-NU. It-tabella ta' hawn taħt tagħti stampa ġenerali tar-rabta bejn ir-rapporti tagħna u l-SDGs. Informazzjoni aġġornata regolarment dwar dan is-suġġett hija disponibbli [hawnhekk](#).








² L-Artikoli 310 sa 325.

Tabella 1 – Kontenut rilevanti tal-SDGs tan-NU fir-rapporti tal-QEA tal-2023

Rapport	SDG relatat
Ir-Rapport Speċjali 01/2023: “Għodod li ffaċilitaw l-ivvjaġġar ġewwa l-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 – Inizjattivi rilevanti, b’impatt li jvarja bejn suċċess u użu limitat”.	M/A
Ir-Rapport Speċjali 02/2023: “L-adattament tar-regoli tal-politika ta’ koeżjoni biex jirrispondu għall-COVID-19 – Il-fondi jintużaw b’mod aktar flessibbli, iżda hija meħtieġa riflessjoni dwar il-politika ta’ koeżjoni bħala għodda ta’ reazzjoni għall-kriżijiet”.	
Ir-Rapport Speċjali 03/2023: “Integrazzjoni tas-suq intern tal-elettriku – Arkitettura legali kumplessa, dewmien, dgħufijiet fil-governanza u sorveljanza tas-suq inkompleta jfixxlu l-ilħuq sħiħ tal-oġettiv ambizzjuż”.	  
Ir-Rapport Speċjali 04/2023: “L-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima(+) – Il-kisbiet ma laħqux l-ambizzjonijiet”.	 
Ir-Rapport Speċjali 05/2023: “Ix-xenarju finanzjarju tal-UE – Struttura frammentata li teħtieġ aktar simplifikazzjoni u obbligu ta’ rendikont”.	M/A
Ir-Rapport Speċjali 06/2023: “Il-kunflitt ta’ interess fl-infiq fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-agrikoltura tal-UE – Hemm qafas fis-seħħ iżda jeżistu lakuni fil-miżuri ta’ trasparenza u ta’ identifikazzjoni”.	
Ir-Rapport Speċjali 07/2023: “It-tfassil tas-sistema ta’ kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF – Minkejja li qed jiġi ppjanat xogħol estensiv, fil-mudell il-ġdid ta’ implimentazzjoni għad hemm nuqqas fl-aċċertament u fl-obbligu ta’ rendikont fil-livell tal-UE”.	
Ir-Rapport Speċjali 08/2023: “Trasport intermodali tal-merkanzija – L-UE għadha ’l bogħod milli tittrasferixxi l-merkanzija lil hinn mit-toroq”.	 
Ir-Rapport Speċjali 09/2023: “L-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista tal-prodotti agricoli matul il-COVID-19 – Ir-rispons tal-UE kien rapidu, iżda ma kienx immirat biżżejjed mill-Istati Membri”.	 

Rapport	SDG relatat
Ir-Rapport Speċjali 10/2023: “L-Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża – Xi tagħlimiet ittieħdu, iżda l-valur bħala testbed għal żieda fl-infiq tal-UE fuq id-difiża tnaqqas minħabba restrizzjonijiet ta’ żmien u minħabba riżultati limitati”.	
Ir-Rapport Speċjali 11/2023: “Appoġġ mill-UE għad-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel – Investimenti sinifikanti, iżda l-Istati Membri jonqsilhom fokus strateġiku fl-użu tal-finanzjament mogħti mill-UE”.	
Ir-Rapport Speċjali 12/2023: “Superviżjoni mill-UE tar-riskju ta’ kreditu tal-banek – Il-BĊE żied l-isforzi tiegħu iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex jiżied l-aċċertament li r-riskju ta’ kreditu jiġi mmaniġġjat u kopert b’mod xieraq”.	 
Ir-Rapport Speċjali 13/2023: “Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati – Programm għad-dwana solidu b’potenzjal mhux sfruttat u b’implimentazzjoni mhux uniformi”.	 
Ir-Rapport Speċjali 14/2023: “Programmazzjoni tal-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali: Programmi komprensivi b’defiċjenzi fil-metodi għall-allokazzjoni tal-fondi u għall-monitoraġġ tal-impatt”.	
Ir-Rapport Speċjali 15/2023: “Il-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji – Jinħtieġ impetu strateġiku ġdid”.	 
Ir-Rapport Speċjali 16/2023: “Il-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fi ħdan il-Kummissjoni – Bidu inkoraġġanti, iżda jinħtieġ aktar allinjament mal-aħjar Prattika”.	
Ir-Rapport Speċjali 17/2023: “Ekonomija ċirkolari – It-tranżizzjoni min-naħa tal-Istati Membri miexja bil-mod minkejja l-azzjoni tal-UE”.	
Ir-Rapport Speċjali 18/2023: “Il-miri tal-UE għall-klima u għall-enerġija – Il-miri għall-2020 inkisbu, iżda ftit hemm indikazzjoni li l-azzjonijiet biex jintlaħqu l-miri għall-2030 se jkunu suffiċjenti”.	 

Rapport	SDG relatat
Ir-Rapport Speċjali 19/2023: “L-isforzi tal-UE għal ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija – Standards mhux ambizzjużi u mmirar limitat”.	  
Ir-Rapport Speċjali 20/2023: “Nappoġġaw lill-persuni b’disabilità – L-impatt prattiku tal-azzjoni mill-UE huwa limitat”.	  
Ir-Rapport Speċjali 21/2023: “L-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet – Ambizzjuża iżda sa issa kellha impatt limitat”.	 
Ir-Rapport Speċjali 22/2023: “Enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-UE – Pjanijiet ambizzjużi għat-tkabbir, iżda s-sostenibbiltà tibqa’ sfida”.	
Ir-Rapport Speċjali 23/2023: “Ir-ristrutturar u t-tħawwil tal-vinji fl-UE – Impatt mhux ċar fuq il-kompetittività u ambizzjoni ambjentali limitata”.	
Ir-Rapport Speċjali 24/2023: “Bliet intelliġenti – Soluzzjonijiet ta’ għajnejha, iżda l-frammentazzjoni hija ta’ sfida għall-adozzjoni usa’ tagħhom”.	  
Ir-Rapport Speċjali 25/2023: “Il-politika tal-akkwakultura tal-UE – Produzzjoni staġnata u riżultati mhux ċari minkejja finanzjament akbar mill-UE”.	 
Ir-Rapport Speċjali 26/2023: “Il-qafas ta’ monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – Jitkejjel il-progress li sar fl-implimentazzjoni iżda dan mhux suffiċjenti biex il-prestazzjoni tintwera”.	
Ir-Rapport Speċjali 27/2023: “Skrinjar tal-investiment dirett barrani fl-UE – Ittieħdu l-ewwel passi, iżda għad hemm limitazzjonijiet sinifikanti fl-indirizzar effettiv ta’ riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku”.	M/A
Ir-Rapport Speċjali 28/2023: “L-akkwist pubbliku fl-UE – Inqas kompetizzjoni għal kuntratti aġġudikati għal xogħlijiet, oġġetti u servizzi fl-10 snin li jippreċedu l-2021”.	

Rapport	SDG relatat
Ir-Rapport Speċjali 29/2023: “L-appoġġ mill-UE għal bijokarburanti sostenibbli fit-trasport – It-triq ‘il quddiem mhijjex ċara”.	
Ir-Rapport Analitiku 01/2023: “Finanzjament mill-UE permezz tal-politika ta’ koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Analiżi komparattiva”.	M/A
Ir-Rapport Analitiku 02/2023: “Azzjonijiet tal-UE biex jiġi indirizzat l-ammont dejjem jiżdied ta’ skart perikoluż”.	
Ir-Rapport Analitiku 03/2023: “It-trasport ta’ animali ħajjin fl-UE: sfidi u opportunitajiet”.	
Ir-Rapport Analitiku 04/2023: “Id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-fondi tal-UE”.	
Ir-Rapport Analitiku 05/2023: “Riforma tal-governanza ekonomika tal-UE: Opportunitajiet b’riskji u sfidi”.	 
Ir-Rapport Analitiku 06/2023: “Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni għall-baġit tal-UE għall-2022”.	

Prattiki fl-akkwist pubbliku

10 Il-prattiki kollha tal-QEA fl-akkwist pubbliku huma suġġetti għar-Regolament Finanzjarju³, u l-proċeduri ta’ akkwist pubbliku li dan jistabbilixxi nużawhom meta nakkwistaw oġġetti, servizzi jew xogħlijiet. Il-Kundizzjonijiet ġenerali għal kuntratti ta’ provvista, servizzi u xogħlijiet huwa dokument pubbliku, disponibbli fuq is-sit web tagħna, li jistabbilixxi r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-QEA u l-fornituri, il-provdituri ta’ servizzi u l-kuntratturi tagħha.

³ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

11 Fl-2023, il-QEA xtrat oġġetti u servizzi li jammontaw għal EUR 23 426 750.05 (EUR 5 512 853 fl-2022 u EUR 15 215 515 fl-2021), li minnhom ix-xiri mingħand fornituri lokali ammonta għal EUR 21 453 665.05 (EUR 4 848 701 fl-2022 u EUR 10 144 812 fl-2021). Il-perċentwal tal-infiq fuq fornituri lokali kien ta' 91.58 % (88 % fl-2022 u 67 % fl-2021).

12 Fl-interessi tat-trasparenza, il-prattiki u l-proċeduri li nużaw għall-akkwist pubbliku jsiru pubbliċi. Il-[paġna web](#) tagħna telenka s-sejñiet għall-offerti fil-QEA, l-ippjanar ta' kuntratti ta' valur baxx u medju, il-listi annwali ta' kuntratti, u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-kuntratti ta' provvista, servizzi u xogħlijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Għieda kontra l-korruzzjoni

13 Fir-rigward tal-operazzjonijiet ivvalutati għar-riskji ta' korruzzjoni, jeħtiġilna niddistingwu bejn operazzjonijiet esterni u interni. "Operazzjonijiet esterni" tirreferi għal operazzjonijiet jew tranżazzjonijiet taħt il-baġit tal-UE, li aħna nivverifikaw bħala parti mix-xogħol tal-awditjar li nwettqu.

14 Bħala l-awditur estern tal-UE, il-QEA ma għandhiex mandat biex tinvestiga każijiet ta' frodi suspettata fil-konfront tal-interessi finanzjarji tal-UE. Madankollu, għalkemm jista' jkun diffiċli biex il-każijiet ta' frodi jiġu identifikati permezz ta' proċeduri standard tal-awditjar, ix-xogħol tal-awditjar li nwettqu jiżvela għadd ta' każijiet ta' frodi suspettata kull sena. Dawn il-każijiet jiġu rrapportati lill-OLAF, l-Uffiċċju tal-Unjoni Ewropea ta' Kontra l-Frodi, permezz ta' mekkaniżmi u kanali ta' kooperazzjoni stabbiliti bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet. Jekk jitqies meħtieġ, dawn jistgħu jiġu rrapportati wkoll fl-istess ħin lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE).

15 L-ebda każ ta' frodi ma ġie rrapportat fl-2023 b'rabta ma' operazzjonijiet interni.

16 Fir-rigward tat-taħriġ preventiv, fl-2023 organizzajna 24 kors ta' taħriġ dwar il-politiki u l-proċeduri ta' kontra l-korruzzjoni (21 fl-2022 u 15 fl-2021), li damu total ta' 175 siegħa (156 siegħa fl-2022 u 76 siegħa fl-2021).

17 Għal dawn l-avvenimenti attendew 1 069 parteċipant⁴ (612 fl-2022, u 1 011 fl-2021), u kienu miftuħa għall-persunal kollu tal-QEA, inklużi l-Membri tal-QEA.

⁴ Iċ-ċifra turi l-għadd totali ta' persuni li attendew.

Standards soċjali

Impjieg

18 Aħna niddependu fuq il-ħiliet u l-motivazzjoni tal-persunal tagħna biex nilħqu l-objettivi tal-programm ta' ħidma annwali tagħna. Għalhekk, hija prijorità ewlenija tagħna li nirreklutaw il-persuni t-tajba fil-ħin opportun, u l-politiki dwar l-involviment tal-persunal huma vitali. It-**Tabella 2** turi s-sitwazzjoni tal-persunal tagħna fi tmiem l-2023, skont in-nazzjonalità u t-tip ta' impjegat:

Tabella 2 – Il-persunal tal-QEA fil-31.12.2023⁵

Pajjiż	Uffiċjali	Persunal temporanju	Persunal bil-kuntratt	SNEs	Total tal-persunal
L-Awstrija	7	5		1	13
Il-Belġju	44	7	9		60
Il-Bulgarija	28	7			35
Il-Kroazja	3	6	2	1	12
Ċipru	4	4	1		9
Ir-Repubblika Ċeka	26	4	1	1	32
Id-Danimarka	6	4			10
L-Estonja	9	4	1		14
Il-Finlandja	13	5		1	19
Franza	79	24	18	3	124
Il-Ġermanja	63	14	2		79
Il-Greċja	36	18	6	3	63
L-Ungerija	24	6	2		32
L-Irlanda	10	8	1		19
L-Italja	52	13	7		72
Il-Latvja	10	5	1	1	17
Il-Litwanja	14	5	5		24
Il-Lussemburgu	3	4	5	1	13
Malta	5	6			11
In-Netherlands	8	4			12
Il-Polonja	52	7	4	2	65

⁵ Din it-tabella tippreżenta l-persunal effettiv li kien qed jaħdem mal-QEA fil-31 ta' Diċembru 2023 (857 membru tal-persunal permanenti u temporanju, 26 espert nazzjonali sekondar u 86 membru tal-persunal bil-kuntratt). It-tabella ma tinkludix lill-25 Membru tal-QEA. Barra minn hekk, l-għadd ta' postijiet permanenti u temporanji (ippreżentati fil-paġna 50 tad-dokument prinċipali) huwa għola minn dan (882 post) minħabba li jinkludi l-postijiet vakanti fi tmiem l-2023.

Pajjiż	Uffiċjali	Persunal temporanju	Persunal bil-kuntratt	SNEs	Total tal-persunal
Il-Portugall	26	9	9		44
Ir-Rumanija	46	9	2	2	59
Is-Slovakkja	9	3		3	15
Is-Slovenja	10	6	3		19
Spanja	44	11	7	1	63
L-Iżvezja	13	2		1	16
L-Ukrajna		1		5	6
Ir-Renju Unit	9	3			12
Għadd totali	653	204	86	26	969

Sors: il-QEA.

Fi tmiem l-2023, impjegajna 969 membru tal-persunal⁶ (954 fl-2022), li 67.4 % minnhom huma uffiċjali (68.2 % fl-2022). Il-persunal tagħna jiġi rekrutat mis-27 Stat Membru kollha tal-UE u mir-Renju Unit. Għal informazzjoni dwar ir-reklutaġġ fl-2023, ara t-taqsima *“Reklutaġġ”* fil-parti prinċipali ta’ dan id-dokument.

19 Għal statistika dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-QEA, ara t-taqsima *“Opportunitajiet indaqs”* fid-dokument prinċipali.

20 Fl-1 ta’ Jannar 2022, il-QEA adottat mudell tax-xogħol ibridu, li jintroduċi approċċ flessibbli għall-ħin tax-xogħol bħala komponent essenzjali tal-ġestjoni tar-riżorsi umani. Minn dak iż-żmien ’il hawn, il-ħin flessibbli huwa l-arranġament tax-xogħol prestabbilit, li jippermetti lill-persunal jikseb bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet tas-servizz. L-arranġament jikkontribwixxi wkoll b’mod pożittiv għall-bilanċ bejn il-ġeneri u l-effiċjenza organizzazzjonali.

21 Il-QEA tipparteċipa f’inizjattiva ta’ livell għoli, immedija mill-Kummissarju Johannes Hahn, biex iżżid aktar l-attrazzjoni tal-Lussemburgu bħala post tax-xogħol, bl-għan li jintlaħaq ftehim dwar azzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu implimentati mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE bbażati fil-Lussemburgu. L-istituzzjonijiet qablu li nnieđu 4 gruppi ta’ ħidma biex jaħdmu fuq l-iżvilupp ta’ 12-il azzjoni speċifika. Grupp ta’ ħidma wieħed huwa ppresedut mid-Direttur għar-Riżorsi Umani tal-QEA. Dan jikkonsisti f’2 sottogruppi ta’ ħidma: wieħed dwar il-komunikazzjoni interistituzzjonali konġunta, u t-tieni wieħed iddedikat għat-trawwim tar-relazzjonijiet mal-akkademja Ewropea – magħruf ukoll bħala n-Network REA – li huwa mmexxi mill-QEA.

⁶ Bl-esklużjoni ta’ 25 Membru tal-QEA.

Opportunitajiet indaqs, diversità u inklużjoni

22 Il-QEA timpjega fuq il-bażi ta' opportunitajiet indaqs, u aħna impenjati li noffru opportunitajiet tal-karriera ndaqs għall-persunal tagħna fil-livelli kollha fl-Istituzzjoni. Il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs huwa minqax fl-Artikolu 1 tar-[Regolamenti tal-Persunal](#), li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni. Dan jinkludi ugwaljanza sħiħa bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-post tax-xogħol.

23 Fl-2023, il-QEA kompliet timplimenta b'mod attiv il-[politika tagħha dwar id-diversità u l-inklużjoni \(D&I\)](#) li tnediet fl-2021. Din inkludiet il-pubblikazzjoni interna ta' aġġornament tal-linji gwida dwar l-opportunitajiet indaqs għall-persunal, u sejħiet differenti għal espressjonijiet ta' interess għar-reklutaġġ ta' medjaturi u konsulenti kunfidenzjali, kemm interni kif ukoll esterni; u aġġornament tal-linji gwida dwar ir-ritorn għax-xogħol wara liv tal-mard fit-tul. Sa mill-bidu tal-2023, offrejna wkoll inizjattiva dwar l-ewwel għajnuna għas-saħħa mentali lill-persunal.

24 Fl-2023 ukoll, il-QEA saret membru tal- [International Dual Career Network \(IDCN\)](#) fil-Lussemburgu, li hija organizzazzjoni globali li tiffoka fuq l-għoti ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-karriera u għall-benesseri tas-sħab u tal-konjuġi tal-impjegati tagħna. L-IDCN toffri firxa wiesgħa ta' servizzi, minn fehim approfondit dwar is-suq tax-xogħol lokali, sa għoti ta' għajnuna fejn jidħlu CVs, avvenimenti ta' networking, u għoti ta' aċċess lil networks tan-negozju lokali permezz ta' membri oħra tal-IDCN. Is-sħab u l-konjuġi kollha tal-impjegati tal-QEA bbażati fil-Lussemburgu jistgħu jissieħbu mal-IDCN.

25 Din is-sena, il-QEA ġiet innominata għal Premju tal-Ombudsman għal Amministrazzjoni Tajba b'rikonoxximent tal-Ġimgħa ta' Sensibilizzazzjoni dwar id-Diżabilità, li organizzajna aħna (kategorija: eċċellenza fid-diversità u l-inklużjoni). Il-Premju tal-Ombudsman Ewropew għal Amministrazzjoni Tajba jirrikonoxxi l-ħidma mwettqa mill-korpi tal-UE li jkollha impatt pożittiv viżibbli u dirett fuq il-ħajja tan-nies fl-Ewropa u lil hinn minnha. L-għan huwa li dawn l-eżempji jitwasslu lil udjenza usa', u li tinxtered prattika tajba fi ħdan l-istituzzjonijiet.

26 Ma ġie rrapportat l-ebda inċident ta' diskriminazzjoni fl-2023.

Libertà ta' assoċjazzjoni u negozjar kollettiv

27 Il-membri kollha tal-persunal huma suġġetti għar-[Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea](#).

28 Il-membri tal-persunal tal-QEA jgawdu mil-libertà ta' assoċjazzjoni. Dan huwa rregolat minn ftehim qafas mal-unions tal-persunal, li ġie ffirmat fl-2018. Fost affarijiet oħra, il-ftehim jirregola r-rwol u l-funzjonijiet tal-unions tal-persunal u l-proċeduri ta' konċiljazzjoni, kif ukoll id-dritt tal-persunal li jistrajkja. Sal-lum, l-unika union tal-persunal li ffirmat dan il-ftehim hija l-*Union Syndicale Luxembourg (USL)*.

29 Il-persunal huwa rrappreżentat ukoll mill-Kumitat tal-Persunal, li jinkludi impjegati ta' diversi gradi u gruppi ta' funzjoni. Il-Kumitat tal-Persunal jista' jiddiskuti mal-Amministrazzjoni kwalunkwe mistoqsija mqajma mill-persunal tal-QEA.

30 Il-Kumitat tal-Persunal huwa previst fl-Artikolu 9 tar-[Regolamenti tal-Persunal](#), li jirrikjedi li l-Kumitat jiġi kkonsultat f'għadd ta' oqsma, bħall-promozzjonijiet, iċ-ċertifikazzjoni, u l-irtirar bikri. Il-Kumitat tal-Persunal huwa rrappreżentat ukoll f'diversi kumitati konsultattivi (Taħriġ Professjonali, IT u Informazzjoni, Saħħa u Sigurtà, u Forniment tal-Ikel). Barra minn hekk, huwa jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ċerti kwistjonijiet amministrattivi, bħal kompetizzjonijiet interni, reklutaġġ, tiġdid ta' kuntratti, riklassifikazzjoni fil-grad, u missjonijiet.

31 Fl-2023, il-paga minima ta' dħul tagħna kienet għall-persunal bil-kuntratt fil-grupp ta' funzjoni FG I, grad 3 u skala 3, li jikkorrispondi għal salarju ta' EUR 3 119.25 fix-xahar. B'paragun ma' dan, il-paga minima fix-xahar fil-Lussemburgu għal ħaddiem tas-sengħa kienet ta' EUR 3 085.11 fl-2023.

Taħriġ u edukazzjoni

32 Mill-pandemija 'l hawn, u b'ambjent tax-xogħol ibridu li issa jinsab fis-seħħ, it-taħriġ ikkombina taħriġ online ma' korsijiet b'attendenza fiżika. Fl-2023, organizzajna total ta' 544 attività ta' taħlim (663 fl-2022) dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti, għal total ta' 12 041 parteċipant (16 014 fis-sena preċedenti). Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' taħriġ tagħna, ara t-taqsima "[Taħriġ professjonali](#)" fil-parti prinċipali ta' dan id-dokument.

Standards ambjentali

Il-politika ambjentali tagħna

33 Il-QEA adottat l-ewwel politika ambjentali (EMAS) tagħha fl-2014. Dan il-proċess huwa bbażat fuq ċiklu ta' tliet snin. Fi tmiem l-2022, it-tielet ċiklu tal-EMAS tagħna intemm b'suċċess, meta ċ-ċertifikazzjoni EMAS tagħna⁷ ġiet imġedda għal tliet snin oħra.

34 Permezz ta' din il-politika, il-QEA impenjat ruħha li:

- tiegħu miżuri għall-prevenzjoni tat-tniġġis u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju;
- tippromwovi l-użu effiċjenti tal-enerġija u tiegħu miżuri biex tnaqqas il-konsum tal-elettriku u tal-ilma;
- tiżgura użu aktar effiċjenti tal-karti sabiex jitnaqqas il-konsum;
- tinkludi kriterji ambjentali fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħha;
- tintroduċi l-aħjar prattiki fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart;
- tkegħgeġ lill-membri kollha tal-persunal jaġixxu b'mod sostenibbli u jikkontribwixxu b'mod attiv biex jintlaħqu l-miri tal-politika.

35 Għalhekk, f'Marzu 2023, aħna stabbilejna objettivi ġodda u ambizzjużi għall-perjodu 2023-2025, inkluż pjan ta' azzjoni aġġornat.







Sommarju tar-riżultati ambjentali

36 Aħna nimmonitorjaw regolarment il-konsum tagħna tal-utilitajiet, u ninsabu ħerqana li nieħdu diversi miżuri biex dan innaqqas. Pereżempju, ħadna diversi miżuri biex innaqqas il-konsum tal-enerġija tagħna: immodernizzajna s-sistemi ta' ventilazzjoni, issostitwejna b'mod kontinwu l-bozoz konvenzjonali b'bozoz LED li jikkunsmaw inqas enerġija, u naqqasna l-ħin ta' ventilazzjoni u tkessiħ matul ix-xhur tas-sajf.

37 Iċ-ċifri għall-konsum tal-utilitajiet ikunu ġeneralment disponibbli waqt it-tieni kwart tas-sena ta' wara, u għalhekk kienu għadhom mhux disponibbli għall-2023 meta sar dan ir-rapport. Għalhekk analizzajna x-xejriet tal-konsum għall-2022 meta mqabbla ma' dawk għall-2021.

⁷ Il-QEA tikkonforma mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tal-istandard tal-kwalità maqbul internazzjonalment ISO 14001:2015 (Sistema ta' ġestjoni ambjentali), u għandha ċ-ċertifikazzjoni uffċjali ISO 14001.

Tabella 3 – Il-konsum tal-utilitajiet għall-2022 vs l-2021, u x-xejra mill-2014 'il hawn

Indikaturi għal kull FTE ⁸		F'sena waħda	Mill-2014 'il hawn	
	Elettriku	3.57 MWh/FTE	- 2.7 %	- 34.5 %
	Tiġin (konsum standardizzat)	3.08 MWh/FTE	- 6.0 %	- 22.2 %
	Karti	2 929.33 paġna/FTE	+ 46.5 %	- 83.5 %
	Emissjonijiet	8.25 tCO ₂ e/FTE	+ 3.9 %	- 29.5 %
	Skart⁹	109.13 kg/FTE	+ 39.9 %	- 33.7 %
	Ilma	7.37 m ³ /FTE	+ 24.0 %	- 45.3 %

Sors: il-QEA.


38 Iż-żidiet kbar fl-indikaturi għall-ilma, il-ġenerazzjoni tal-iskart u l-konsum tal-karti huma kollha marbuta mar-ritorn għax-xogħol tal-persunal fil-binjiet tal-QEA wara li tneħħew ir-restrizzjonijiet tal-COVID. Hekk kif il-persunal gradwalment reġa' lura l-uffiċċju, l-għadd ta' ikliet imħejjija fil-kantin tal-QEA żdied, bħalma żdiedu wkoll il-konsum tal-ilma u l-ġenerazzjoni tal-iskart.

39 Bħala parti mill-isforzi ambjentali tagħna, inżommu kont tal-impronta tal-karbonju tagħna, u dan bl-għan li nnaqqsuha. L-emissjonijiet tagħna ta' gassijiet serra (GHG) għall-2022 ammontaw għal 7 989 tCO₂e, tnaqqis ta' 25 % mill-2014 'il hawn. Din hija konsegwenza diretta tal-pjanijiet ta' azzjoni li ħadna fil-passat.

⁸ FTE: membru tal-persunal ekwivalenti għall-full-time.


⁹ Il-parametri tal-kejl mhumiex ekwivalenti bejn l-2014 u l-2022.

Graff 1 – Emissjonijiet kumplessivi ta’ gassijiet serra għall-2022



Sors: kalkolu mwettaq minn 21 Solutions, abbażi ta’ data tal-QEA.

Graff 2 – Bidla fl-impronta tal-karbonju kumplessiva tal-QEA mill-2014 ’il hawn



Sors: kalkolu mwettaq minn 21 Solutions, abbażi ta’ data tal-QEA.

Bijodiversità

40 L-impatt tal-attivitajiet tagħna fuq il-bijodiversità huwa limitat. Madankollu, aħna nimmonitorjaw u nivvalutaw l-impatti tagħna mil-lat ta' severità, frekwenza u livell ta' kontroll. Jekk problema ssir sinifikanti, nieħdu azzjoni biex intaffu kwalunkwe riskju assoċjat.

41 FI-2023, aħna wettaqna analiżi estiżi tal-impatti tal-attività tagħna u tal-binjiet tagħna fuq il-bijodiversità. L-akbar impatt tagħna kien fuq il-mobbiltà u l-użu tal-bini. Is-sorsi prinċipali ta' dan l-impatt kienu l-ivvjaġġar relatat max-xogħol (prinċipalment, missjonijiet tal-awditjar fuq il-post) u l-ivvjaġġar ta' kuljum lejn l-uffiċċju. It-tieni l-akbar impatt kien fuq l-użu tagħna tal-binjiet: il-konsum tal-enerġija, l-użu tat-tagħmir, ir-riżorsi u t-tagħmir tal-IT, u l-forniment tal-ikel.

42 Biex nikkompensaw għall-impatt negattiv tagħna, aħna nistinkaw biex nagħmlu impatt pożittiv fuq il-bijodiversità permezz ta' diversi azzjonijiet u proġetti li, għalkemm jaf jidhru modesti, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-sensibilizzazzjoni fost il-persunal. FI-2023, eżempji kienu jinkludu l-azzjonijiet li ġejjin:

- attivitajiet tal-ekokomunità tal-QEA: voluntiera fost il-membri tal-persunal jieħdu ħsieb ġnien komunitarju li jinsab fil-bini tal-QEA u waqqfu librerija taż-żrieragħ; aħna ffirmajna sħubija ma' NGO lokali *natur&ëmwelt Fondation Hëllef fir d'Natur*, u ħawwilna s-siġar f'foresta lokali (tħawlu madwar 1 000 siġra bħala parti minn 2 azzjonijiet differenti); u organizzajna "Repair cafés" fejn voluntiera sewwew oġġetti tad-dar miksura għall-kollegi tagħhom.
- trobbija tan-naħal: komplejna nrabbu b'suċċess diversi kolonji tan-naħal fil-ġnien li jinsab fil-bini tal-QEA, u pproduċejna l-għasel tagħna stess. Din l-attività hija mmaniġġjata mill-voluntiera. L-għasel li niproduċu jintuża bħala rigali għal skopijiet ta' protokoll.
- Għall-ewwel darba, stabbilejna għalina nfusna mira li tista' titkejjel f'dak li jikkonċerna l-bijodiversità fil-pjan ta' azzjoni ambjentali l-ġdid tagħna bl-għan li nżidu l-isparzi ekoloġiċi b'1 % sa tmiem l-2025.
- Aħna organizzajna l-ewwel workshop dwar il-bijodiversità għall-persunal biex nissensibilizzaw dwar l-impatt tat-telf tal-bijodiversità, u offrejna lill-persunal żjara ggwidata tat-torri tal-ilma Ban de Gasperich bl-għan li jifhem il-problemi relatati mal-ġestjoni tal-ilma.

Sensibilizzazzjoni

43 Komplejna norganizzaw avvenimenti, lekkers u kondiviżjoni tal-għarfien għall-persunal, u qsamna l-għarfien u s-sejbiet mir-rapporti tagħna fl-istituzzjonijiet tal-UE:

- o ipparteċipajna fil-jiem interistituzzjonali tal-EMAS tal-UE, fejn ippreżentajna r-rapport tagħna dwar is-sostenibbiltà għall-2022, ir-rapport tagħna dwar ir-rispons tal-aġenziji tal-UE għall-kriżi tal-enerġija u r-rappurtar dwar is-sostenibbiltà, u l-inizjattiva “Repair café”.
- o Fl-2023, iffirmajna konvenzjoni mal-Ministeru tat-Trasport tal-Lussemburgu biex niżviluppaw pjan ta’ mobbiltà ħalli nsaħħu l-użu tal-mobbiltà mhux motorizzata min-naħa tal-persunal.
- o Bdejna nimmonitorjaw l-iskart aktar mill-qrib, billi nużaw software speċjalizzat u billi nixtru mwieżen elettroniċi.
- o Organizzajna diversi moduli ta’ taħriġ dwar is-sensibilizzazzjoni ambjentali għall-persunal, inkluż taħriġ online għal membri tal-persunal ġodda fil-forma ta’ “Climate Fresk” (workshop dwar ix-xjenza fundamentali wara t-tibdil fil-klima), u lekċer dwar l-analiżi tar-riskju sistemiku.

DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

L-użu mill-ġdid tar-ritratti li ġejjin huwa awtorizzat dment li jiġu indikati d-detentur tad-drittijiet tal-awtur, is-sors u, fejn ikun meħtieġ, l-ismijiet tal-fotografi:

P. 6: © L-Unjoni Ewropea, 2023. *Sors:* il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

P. 12 (it-tieni ringiela, mal-lemin): © L-Unjoni Ewropea, 2021. *Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea – fotografu: Christophe Licoppe. Periti tal-bini: André Polak, Lucien De Vestel u Jean Gilson. Pp. 20, 21 u 31: © L-Unjoni Ewropea, 2023. *Sors:* il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

P. 33: © L-Unjoni Ewropea, 2023. *Sors:* il-Parlament Ewropew/Alexis Haulot.

P. 36: © L-Unjoni Ewropea, 2023. *Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea/Christophe Licoppe.

Anness – Ir-rappurtar tagħna dwar is-sostenibbiltà għall-2023:

Faċċata: © L-Unjoni Ewropea, 2017. *Sors:* il-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Periti tal-binjiet: Paul Noël (1988) u Jim Clemes (2004 u 2013).

Tabella 1 – [ikoni SDG](#): Dritt tal-Awtur © In-Nazzjonijiet Uniti. Id-drittijiet kollha huma riżervati. Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni ma ġiex approvat min-Nazzjonijiet Uniti u ma jirriflettix il-fehmiet tan-Nazzjonijiet Uniti jew tal-uffiċjali tagħha. L-ikoni għal-lingwi uffiċjali mhux tan-NU jew tniżżlu minn fuq [Trello](#) jew inkella nħolqu mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. In-Nazzjonijiet Uniti ma tassumi l-ebda responsabbiltà jew obbligu li joħorġu mit-traduzzjoni tat-test tal-ikoni SDG għal lingwi uffiċjali mhux tan-NU.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

P. 12 (l-ewwel ringiela, max-xellug): © stock.adobe.com/Rusland.

P. 12 (l-ewwel ringiela, mal-lemin): © stock.adobe.com/kunakorn.

P. 12 (it-tieni ringiela, mal-lemin): © shutterstock.com/ArtemKonratiev.

P. 12 (it-tielet ringiela, max-xellug): © stock.adobe.com/katafree.

P. 12 (it-tieni ringiela, mal-lemin): © stock.adobe.com/ufly.

P. 12 (ir-raba' ringiela, max-xellug): © stock.adobe.com/Suheyp.

P. 12 (ir-raba' ringiela, mal-lemin): © stock.adobe.com/Семен Саливанчук.
P. 16: © stock.adobe.com/Antony Weerut.
P. 17: © stock.adobe.com/phonlamaipphoto.
P. 18: © stock.adobe.com/AungMyo.
P. 19: © depositphotos.com/XavierLejeune.
P. 31 (mix-xellug għal-lemin, ritratti tal-faċċata): © depositphotos.com/Andrey Popov/Kav777;
© depositphotos.com/Salajeun.
P. 37: © Tribunal de Contas de Portugal (il-Qorti tal-Awditjar Portugiża), 2023. Perit tal-bini:
Diogo de Boitaca.
P. 62: © GLOBAL VIEW SPRL – fotografu: Simon Schmitt. Periti tal-binjiet: Paul Nol (1988) u
Jim Clemes (2004 u 2013).

Anness – Ir-rappurtar tagħna dwar is-sostenibbiltà għall-2023:

Pp. 14 u 15: it-tabella u l-graffs tfasslu bl-użu ta' ikoni mingħand [Flaticon.com](https://flaticon.com/). © Freepik
Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi,
trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu
mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links
għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti m'ħeġġeġ
taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

Print	ISBN 978-92-849-1907-9	ISSN 1831-1318	doi:10.2865/017	QJ-AA-24-001-MT-C
PDF	ISBN 978-92-849-1987-1	ISSN 2362-9568	doi:10.2865/270876	QJ-AA-24-001-MT-N
HTML	ISBN 978-92-849-1896-6	ISSN 2362-9568	doi:10.2865/792377	QJ-AA-24-001-MT-Q



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea